**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar Tlieta 24 ta' Gunju 2025**

**Rikors guramentat nru : 4 /2021 AGV**

**ORM**

**vs**

**C sive IM** mart l-istess ORM

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' ORM fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet izzewgu f`Malta fil-knisja ta'  Sant`Antnin gewwa Rahal Gdid, nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa mija u tnejn u disghin (1992) liema zwieg gie debitament registrat fir-registru Pubbliku ta'  Malta n-numru wiehed, sitta, disgha, sebgha, tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1697/1992) liema kopja tac-certifikat taz-zwieg qed tigi hawn annessa u mmarkata DOK A.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel li jismu F J sive  JM  li twieled nhar is-sebgha u ghoxrin (27) t`Awwissu tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u ghalhekk illum il-gurnata huwa maggorenni kopja tac-certifikat tat-Twelid, qed tigi hawn annessa u mmarkata DOK B.

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment u m'ghandiex aktar possibbli minhabba l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, abbandun, theddied u nguriji gravi, u vjolenza psikologika fil-konfront tal-attur, kif ukoll minhabba komptablita ta' karattru,  kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi  dil-Onorabbli  Qorti, - sezzjoni tal-Familja  - b 'digriet 2287/2020 datat 10 ta' Novembru  2020 , tat l -awtorizzazzjoni taghha sabiex jigu intavolati  proceduri ghal seperazzjoni personali Dok.  C

5. Illi t-tentattivi ta' rikonciljazzjoni, ma tawx fortt stante li l-konvenuta rrendiet l-hajja konjugali  impossibbli .

6. Illi mil-komunjoni  tal-akkwisti ezistenti  l-attur ghandu  kreditu  a favur tieghu .

7. Illi minkejja li l-intimata taqbel li l-kontendenti ghandhom jisseparaw personalment, hija ma tridx thallas lil istess attur , is-somma dovuta lilu, b' dan li qed timpedixxi li hu jkompli bil-hajja tieghu , u milli jisseperaw bonarjament.

8. Illi minkejja li saru tenttativi sabiex jintalahaq separazzjoni boanrja, inkluz permess tal-medjazzjoni , dawn ma tawx frott lanqas.

**Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex , in vista tal-premess, ma ghandix din l-Onorabbli Qorti ;**

1. Tiddikjara u tordna separazzjoni personali bejn il- kontedenti , stante li iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment , u l-hajja konjugali m' ghadhiex izjed possibbli , minhabba li l-konvenuta rrendiet ruha hatja ta' eccessi, sevizzi, abbandun , theddid, nguriji gravi u vjolenza psikolgika, fil-konfront tal-attur , kif ukoll minhabba inkompatibilta' ta' karattru, u konsegwentament tawtorizza lil attur, biex jghix separatament mil-konvenuta;
2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti , bejn il-kontendenti billi tillikwidaha u taqsamha f' zewg porzjonijiet , occorendo bl-opera ta' peritit nominandi, liema porzjonijiet jigu assenjati l' kull wiehed u wahda mil-kontendenti, u okkorendo bin-nomina ta' Nutar pubbliku biex jirceivi l-att opportun u kuratur biex jipprezenta l-eventwali kontumacja, fuq l-istess att u bl-applikazzjoni kontra l-konvenuta, permezz ta' artikoli 48 (1)(c) u 51 tal-Kodici Civili .
3. Tiddikjara li l-konvenuta hija kreditrici tal-attur, fis-somma kif stabilita minn dil-Onorabbli Qorti, u tordna l' konvenuta thallas tali

somma hekk likwsidata fi zmien qasir u perentorju bl-imghax bl-oghla rata permessibbli mil-ligi.

4. Tordna l' konvebuta tikkonsenja oggetti jew flejjes parafernali tar-ragel.

5. Tikkundana lill-konvenuta thallas lill-attur retta alimentari xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-attur pagabbli mill-konvenuta kif ordat minn din l-Onorabbli Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-konvenuta sabiex thallas minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun adegwata u dan skond dawk il-modijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

6. Tikkundanna lil-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attur m`ghandux ibati ebda forma ta' spejjez billi l-firda ma kienetx t-tort tieghu izda tort tal-konvenuta.

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- <u>Risposta Guramentata ta'</u> CM** li eccepiet is-segwenti:-

1. Illi ghar-rigward tal-ewwel talba tal-attur l-esponenti taqbel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali tal-

partijiet izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur inkluz adulterju kommess mill-istess attur kif ukoll minhabba eccessi, sevizzi, abbandun, ingurji gravi, theddid, fastidju u abbuz kommessi kollha mill-attur fil-konfront taghha u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi rigward tat-tieni talba tal-attur, l-esponenti taqbel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux neccesarjament ugwali.

3. Illi ghar-rigward tat-tielet talba l-attur l-esponenti tiddikjara illi kwalunwe krediti allegatament dovut lill-attur ghandhom ikunu pruvati f’ dawn il-proceduri.

4. Illi ghar-rigward tal-hames talba tal-attur, din it-talba ghandha tigi michuda stante illi l-esponenti m`ghadhiex fil-pussess taghha oggetti jew flejjes parafernali tar-ragel. In oltre l-esponenti tiddikjara illi l-attur rikonvenut ma kellu l-ebda oggetti jew flejjes parafernali tieghu.

5. Illi ghar-rigward tas-sitt talba, l-attur l-esponenti tiddikjara illi l-attur iddekada mid-dritt tieghu ghal-manteniment minghandha u dana minhabba mgieba tieghu illi tati lok ghal dekadenza u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

6. Illi ghar-rigward tas-sitt talba l-attur, din ghandha tigi michuda u l-attur ghandu jkun ordnat illi jhallas l-ispejjez kollha ta’ dawn il-

proceduri peress li huwa hati ghal-firda ta' bejn il-partijiet u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

7. Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha minn dini r-risposta taghha sabiex tipprezenta kontro-talba taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez tal-istanti u tal-proceduri tal-medjazzjoni kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**KONTRO-TALBA** tal-intimata **C SIVE IM** detentrici tal-karta tal-identita .. ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992).

2. Illi min dan iz-zwieg twieled it-tifel FJ sive JM M har is-sebgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin(1995) u ghalhekk huwa maggorenni.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli peress illi l-attur rikonvenut sar hati ta' ingurji gravi, sevizzi, mohqrija, abbuz, fastidju u adulterju lejn l-martu l-esponenti u ghalhekk l-hajja tal-

kontendenti flimkien m`ghadhiex aktar possibbli minhabba illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilmemt bi htija tal-istess attur rikonvenuta.

4. Illi l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b' din il-kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-ghaxra ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin(2020), kopja tad-digriet tinsab hawn annessa u mmarkata DOK A.

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut.

Ghar-ragunijet premessi u prevja kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkustanzi joghgobha:-

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi M  ghar-ragunijiet u tortijiet imputabbli esklussivament premessi imputabbli lill-attur rikonvenut.

2. Tiddikjara illi l-attur rikonvenut iddekada minn kull jedd ghall-manteniment ghalih minghand l-esponenti skond il-ligi.

3. Tiffissa u tillikwida retta alimentari ghar-rikorrenti u tordna lill-attur rikonvenut sabiex ihallas tali retta alimentri lill-esponenti.

4. Tordna illi r-retta alimentari hekk iffissat jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-istess esponenti.

5. Tiddikjara illi l-attur rikonvenut iddekada minn kull dritt li jitlob jew jipprecepixxi manteniment minghand l-esponenti.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b`mod li jigi stabbilit porzjonijiet in divizjoni mhux ugwali b'tali mod illi tigi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist tar-rikorrenti u dan okkorendo bl-opera ta' perit nominandi jekk ikun hemm il-htiega u nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportuni u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-attur rikonvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tapplika kontra l-attur rikonvenut internament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 u 53 tal-Kodici Civili.

8. Tiddikjara illi l-konvenuta hija kreditrici tal-attur tillikwida tali krediti u tordna illi l-attur rikonvenuta lill-konvenut tali krediti, bl-imghax skond il-ligi.

9. Tordna lill-attur rikonvenut jikkonsenja lill-esponenti skond il-kaz il-propjeta' parafernali taghha skond il-kaz.

10. Tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali a favur l-esponenti u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 sub-artikolu 2 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghall-kunjomha xbubitha A

**Rat ir- Risposta Guramentata tal-attur Rikonvenzjonat OR M li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi l-prezenti hija r-risposta tal-attur ghar-rikonvenzjata tal-intimata rikonvenzjonata.

2. Illi a skans ta' ripetizzjoni l-esponenti rikonvenzjonata jaghmel pjena referenza ghal-kontenut tar-rikors mahluf pprezentat minnu stess.

3. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-intimata rikonvenzjonata il-htija ghat-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet ghandha tigi adossata esklussivament lill-intimata rikonvenzjonata stante li hija irrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, abbandun, theddid u ngurji gravi, adulterju u vjolenza psikologika fil-konfront tal-attur kif ukoll minhabba nkompatibilita ta' karattru kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fil-fatt l-intimata rikonvenzjonata abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ebda raugni valida fil-fatt jew dritt u rrifjutat li tirritorna lura minkejja li l-esponenti talabha kemm-il darba biex tirritorna.

5. Illi b`hekk l-ewwel talba ghadha tintlaqa' in parte billi filwaqt li din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti dan ghandu jkun a karigu u htija esklussiva tal-intimata rikonvenzjonata.

6. Illi l-intimtat rikonvenzjonata ghandha impjieg fuq bazi *full-time* u ghandha introjtu konsiderevoli. Di piu' din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara lill-intimata rikonvenzjonata hatja tal-ksur tal-Artikoli 38, 40, u 41 u tapplika l-artikolu 48 fil-konfront taghha a tenur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B`hekk it-tieni, tielet, raba' u hames talbiet ghandhom jigu michuda u dan anke in vista tal-hames talba tal-attur rikonvenzjonata.

7. Illi in vista tal-eccezzjoni appena sottomessa u b`risposta ghas-sitt talba rikonvenzjonat l-esponenti rikonvenuta jqabel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti anke f`porzjonijiet mhux ugwali izda m`hemm ebda raguni valida fil-ligi jew fil-fatt li timmilita li huwa ghandu jiddekadi fil-konfront taghha, ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi s-seba' talba ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet diga' esposti fil-prezenti risposta ghar-rikonvenzjonata kif ukoll fir-rikors mahluf.

9. Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-intimata hija debitrici versu l-esponenti rikonvenut u fil-fatt huwa ghar-ragunjiet li hija ma tridx thallas l-krediti dovut lill-esponenti li kellha tinfetah din il-prezenti kawza, b`hekk it-tmien talba hija mhux biss irrizolta izda hija vessatorja u l-Qorti ghandu tichadha bl-ispejjez kontra l-istess intimata rikonvenzjonata.

10. Illi fir-rigward tad-disa' talba m`hemmx l-ebda propjeta' parafernali dovuta lill-intimata rikonvenzjonata.

11. Illi fir-rigward tal-hdax il-talba, l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat Is-sentenza ta' dina l-Qorti datata 18 ta' Mejju, 2022 fejn ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1.L-attur jispjega li ltaqa' mal-konvenuta meta kellhom rispettivament ghoxrin sena. Kienu ltaqghu f'bar f'Birzebbuga u bdew jiffrekwentaw lil xulxin. L-gherusija taghhom kienet damet cirka sentejn. F'dan iz-zmien partikolari ma kellhomx inkwiet.

Kienu zzewwgu fis-26 ta' Settembru, 1992 u kienu marru jghixu gewwa proprjeta' li kienet tappartjeni lill-familja tal-konvenuta u cioe' 12, Misrah is-Summit, Birzebbuga. Fis-27 ta' Awissu, 1995 kellhom lit-tifel J u s-snin ta' wara mexa kollox harir u kien ikollhom xi jghidu bhal kull koppja normali.

Kien ghall-habta tas-sena 2011, li beda jinduna li l-konvenuta bdiet tinbidel. Kienet bdiet tahdem bhala estate agent u x-xoghol kien impenjattiv, tant li kienet tahdem gieli anke s-Sibtijiet u l-Hdud. Minhabba f'hekk kien jispicca jiehu hsieb il-faccendi tad-dar u anke lit-tifel peress li ma kinitx tkun hemm. Izid ighid li l-konvenuta kienet anke bdiet titraskura r-relazzjoni taghhom u r-relazzjonijiet intimi bejniethom sfaxxaw kwazi fix-xejn.

Kien ikkonfrontaha u kienet wehlet fil-pressjoni tax-xoghol. Ghamlu zmien li r-relazzjoni taghhom qalbet ghall-ahjar, izda kien ghal zmien qasir u regghu spiccaw kif kienu.

Maz-zmien iktar bdew jitbieghdu minn xulxin. Jispjega li kien hu li jiehu lit-tifel ghat-training tal-futbol, jew ghand il-professjonisti minhabba l-ADHD tat-tifel u kien anke jqum fit-3 am biex jigbor lit-tifel meta kien jahdem fis-sajf meta kien kiber. Minkejja li pprova jsalva z-zwieg kien ghalxejn u kien anke ppropona li jmorru ghand counsellor, izda l-konvenuta ma kinitx ikkooperat.

**Dar Matrimonjali**

Meta zzewwgu jikkonferma li marru joqoghdu fil-fond 12, Misrah is-Summit, Birzebbugia. Dina d-dar kienet tappartjeni lill-familja tal-konvenuta, flimkien mal-fond li kellhom Rahal Gdid, Sar ftehim li huma jiehdu dina d-dar ta' Birzebbugia, filwaqt li oht il-konvenuta hadet il-post ta' Rahal Gdid. Peress li dan il-post ta' Birzebbugia kien jikkonsisti f'zewg appartamenti kellhom jaghmlu hafna xogholijiet sabiex dawn isiru dar wahda.

Jispjega li kienu fethu *partitions* tal-hitan, biddlu t-tarag u ghamluh bl-irham, ghamlu ukoll il-poggaman tal-hadid, biddlu l-madum kollu, il-kmamar tal-banju, kif ukoll il-kmamar tas-sodda, bidlu ukoll is-saqaf tal-kamra tas-sodda wara li kienet infaqghet ix-xibka, bajdu kullimkien, bnew *washroom* u *kitchenett*e u fuq in-naha ta' quddiem tal-bejt, bnew *swimming po*ol u *barbecue area* u ghamlu xi xogholijiet ohra.

Jikkonferma li sabiex ghamlu dawn ix-xogholijiet kienu hadu self mill-Mid-Med Bank, illum HSBC. Kienu hadu l-ewwel loan fl-2002 fl-ammont ta' Lm14,000 (€32, 620) u kienu hallsu dejn iehor li kellhom fuq il-post mal-Bank of Valletta plc.

It-tieni loan kien haduh fis-sena 2009 fl-ammont ta' €24, 000 sabiex ihallsu l-kamra tas-sodda u kwalsiasi dejn li kien hemm.

It-tielet loan kienu haduh fl-ammont ta' €29, 177 fis-sena 2009 sabiex ilestu x-xogholijiet li kien hemm.

Dawn il-loans kienu jgibu n-numri 16116617, 14084857 u 18060946.

L-attur jikkonferma li dawn il-loans kienu kollha thallsu minnhom, mill-kont li kellu mal-HSBC li kien igib in-numru 47032545050 fejn kienet tidhol direttament il-paga tieghu minghand Alf Mizzi & Sons Marketing Ltd. Ighid li jikkalkula li bejn wiehed u iehor kien hallas circa €52, 800.

Il-paga tal-mara ma kinitx tmur lejn dawn il-pagamenti tad-dar, minflok kienet tonqfoqhom fuq il-kapricci taghha, fosthom ilbiesi, sigaretti, xagharha. Meta kien jigbdilha l-attenzjoni kienet tghidlu li hi ma kellhiex paga fissa peress li kienet tiddependi mill-*commissions j*ew kienet issib skuza ohra.

Jinsisti li l-konvenuta kienet dahket bih u dan minhabba li kien nefaq hafna flus sabiex jirrangaw id-dar matrimonjali u dejjem kien taht l-impressjoni li d-dar kienet taghhom it-tnejn, izda mbaghad waqt is-separazzjoni nduna li l-konvenuta kienet ghamlet il-kuntratti mal-familja taghha f'isimiha biss u li m'ghandu xejn mid-dar matrimonjali.

L-attur izid ighid li l-konvenuta ma kinitx taghtih soddisfazzjon dwar il-*commissions* li kienet taqla' u kien sar jaf minghand certu Jonathan Sammut, li kien habib tieghu u ex-kollega tal-konvenuta, li din tal-ahhar kienet talbet sabiex tithallas minn taht halli dawn il-flejjes ma jidhrux. Meta kien ikkonfrontaha ma kinitx innegat.

Xi erba' snin ilu, kienu ddecidew li jbieghu d-dar ta' Birzebbuga u kienu thajjru ghall-post li kien ghadu qed jinbena l-Qajjenza. Sakemm bieghu d-dar kienu ddecidew li jmorru jghixu go post mikri x-Xaghjra. Kienu ghamlu konvenju fuq il-post ta' Qajjenza u hallsu €14, 500 depozitu li qed jippretendi nofshom, minkejja li l-konvenuta qed tinsisti li dan l-ammont thallas mill-wirt taghha.

Ikompli jispjega li mill-bejgh tal-post ta' Birzebbugia fl-ammont ta' €170, 000, il-konvenuta kienet poggiet il-flus fil-kont bankarju taghha u kienet weghditu li dawn il-flus kienu ser jintuzaw sabiex jithallas il-post ta' Qajjenza, izda dan qatt ma sehh.  Meta bieghu l-post kienu hallew kcina, kamra tas-sodda li kienu hallsu cirka ta' €15, 000, kmamar tal-banju, washroom fuq il-bejt *swimming pool* ta' fuq il-bejt u *barbecue area*. Sadanittant kienu krew post u kien baqa' jhallas il-kera li kien jammonta ghal €400 fix-xahar u spicca dam ihallas peress li l-post ta' Qajjenza baqa' ma giex mibni. Sadanittant kien qed ihallas il-kontijiet ukoll. Jikkalkola li

kien spicca hallas circa €19, 200 f'kera u dan ghall-perjodu bejn 29 ta' Ottubru, 2016 u Ottubru, 2020.

L-attur ikompli jispjega li sadanittant ir-relazzjoni bejniethom kienet marret ghall-aghar minhabba t-tensjoni tal-post, tant li l-konvenut kienet telqet mill-appartament u marret tghix ghar-rasha. Illum spiccat li qed tghix mal-ex gharus taghha PP . Minhabba dan kollu, jammetti li emozzjonalment kien zmien difficli hafna ghalih u peress li fuq ix-xoghol kienu ndunaw kienu baghtuh ghall-ghajnuna ghand ir-Richmond Foundation ghand psikjatra Maria. Apparti minn hekk jammetti li kellu problema ta' rqad minhabba t-tensjoni u l-ansjeta' li kellu, tant li t-tabib Dr.Stephen, kien ippreskrivilu l-Amirol sabiex ikun jista' jorqod.

L-attur izid ighid li l-akkwist tal-post ta' Qajjenza ghadu fuq konvenju u dan minhabba li l-konvenuta ghogobha tberbaq il-flus li dahlu mill-bejgh tad-dar ta' Birzebbugia, minn liema somma suppost ghandu sehemhu. Jishaq ukoll li l-konvenuta kienet anke xtrat mutur u kienet anke hallset il-kera fejn kienet tghix sakemm marret tghix mal-partner taghha. Tant harget flus li lanqas biss ghandha sabiex tghin lit-tifel li ghandu 25 sena u dejjem idur ghandu ghall-ghajnuna finanzjarja.

L-attur ikompli jishaq li xi tmien snin ilu kien tah lill-konvenuta s-somma ta' €1,800 sabiex tixtri l-vettura Toyota Ractis, liema vettura tuzaha esklussivament hi u meta abbandunat id-dar matrimonjali kienet haditha maghha. Jinsisti li qed jippretendi nofs dan l-ammont li hallas, kif ukoll nofs il-valur tal-mutur li xtrat il-konvenuta.

L-attur ipprezenta dokumenti sabiex juri l-loans li kien hallas fuq id-dar ta' Birzebbugia.[1] Ipprezenta ukoll dokumenti rigward ix-xogholijiet li saru fil-fond ta' Birzebbugia, *bedroom,*. Kcina, u anke l-pool fuq il-bejt.[2]

Jikkonferma li dawn il-flus kienu jinhargu mill-kont bankarju tieghu. Izid ighid li Manwel Cutajar kien ghamel xi soqfa, kien ghamel saqaf iehor minhabba l-*pool,* ghamel ukoll it-tikhil fuq barra u fuq gewwa.[3] Kien qabbad ukoll lil Ernest Bugeja li kien ghamel *roof kitchen* u s-*shower* t'isfel u l-ispiza kienet tammonta ghal €1500.[4]

Alfred Zahra kien anke ghamel hadid tat-tarag u kien qam circa €5000 u kien hallsu mil-loan li kien ha.[5]

Ipprezenta ukoll il-kuntratt ta' meta krew ix-Xghajra minghand Clint Galea.[6] Kien ihallas €400 fix-xahar u s-sid kien jinfurmah fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma.[7]

Jikkonferma li kien ihallas permezz tal-loans jew kien hemm xi drabi fejn hallas bi flus.

In kontro-ezami, l-attur jammetti li xahar qabel ma kien hemm il-medjazzjoni kien qabad u zbanka l-ammont ta' €32, 000 mill-kont tal-HSBC u parti nefaqhom u parti ohra kien tah donazzjoni. Rigward ic-cekk li nhareg minn Mark Agius fl-ammont ta' €4000, jispjega li kien mar Napli, flimkien ma' shabu u kienu krew karozza u kellu incident u wehel il-flus,

---

[1] Dok. RM 1 (2)
[2] Dok. RM 2
[3] Dok. RM 4
[4] Dok. RM 5
[5] Dok. RM 6
[6] Dok. RM 7
[7] Dok. RM 8

kien harighom hu  u shabu kienu hallsuh lura.[8] Dwar ic-cekkijiet li nhargu minn Newark College u Sasco jghid li ma jaf xejn dwarhom.

In kontro-ezami, l-attur jikkonferma li b'referenza ghall-*drawdowns* fejn kien hemm €4000 fil-kont tieghu, dan l-ammont kienet tathomlu ommu mill-kont taghha.[9] Jikkonferma ukoll li dan l-ammont li rcieva bhala rigal minghand ommu, permezz *ta' bank draft* kien iddeposita dawn il-flus fil-kont tieghu mal-HSBC u l-ammont kien hareg mill-kont ta' ommu mal-Bank of Valletta plc.

Dwar id-*drawdowns* l-ohra jghid li kkonferma mal-bank manager tieghu Gilford li kkonfermalu li dawn kienu jirreferu ghal-*loans* u kienu thallsu mill-account tieghu.[10]

Jikkonferma ukoll li l-manager kienet infurmatu li ma setghetx tghaddilu kopja tas-*sanction letter* peress li dawn kienu jigu distrutti. Ma setax ghalhekk jekk il-*loans* kienu *home loans* jew ghal xi karozza.

2.**Il-konvenuta** tghid li kienet hadmet f'diversi impjiegi u l-ewwel impjieg li kellha kien ma' kumpanija tat-televisons Seleco. Imbaghad kellha t-tifel u kienet ghamlet zmien fejn ma kienetx tahdem. Imbaghad kienet reghhet marret tahdem mal-MSV Life u kien hemm zmien ukoll fejn kienet bdiet tahdem *part-time* ma' Paolo Bonnici u minhabba t-tifel kien beda l-iskola kienet tahdem hinijiet flessibbli. Kienet tokkupa l-kariga ta'  merchandiser. Kienet anke hadmet bhala segretarja ma' Newark School u anke mar-Remax bhala *office administrator* fejn kienet damet xi tlett snin. Imbaghad

---

[8] Dok. LAX 2
[9] Dok. OMX 1
[10] Doks. OMX 3 – OMX 7

*office administrator* ma' Perry u fl-ahhar ma' Frank Salt fejn ilha tahdem mis-sena 2015/2016 bhala *sales consultant* u tithallas permezz tal-*commission.*

Mill-paga taghha tikkonferma li kienet thallas l-ikel, tobba, medicini, u gieli tat xi haga lit-tifel.

Il-konvenuta pprezentat diversi FS3's taghha mis-sena 1997 'l hemm.[11]

Il-konvenuta tispjega li fiz-zwieg u anke wara t-twelid tat-tifel, l-attur kien jippreferi jghix hajja ta' guvni u kien johrog ma' shabu u jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Kien jixrob u gieli kien ikun *hungover* u ma jqumx ghax-xoghol it-Tnejn. In kontro-ezami tikkonferma li l-attur kien jiehu *drink* fl-gherusija u mbaghad kien hemm problemi tax-xorb. Fl-istess hin tikkonferma li fi zmien l-gherusija, l-attur kien jilghab il-futbol b'mod professjonali u ghalhekk fizikament kellu bzonn jiehu hsieb tieghu nniffsu.

Dwar it-taxxa tas-successjoni wara l-mewt ta' missierha tikkonferma li l-attur kien hallashom u dawn kienu jammontaw ghal €750. Tikkonferma ukoll li kienu ghamlu konverzjoni ta' zewgt appartamenti u kienu nifduhom. Kienu ghamlu *living space* isfel u *sleeping quarters* fuq. Kienu poggew il-madum fuq dak li kien hemm u kien sar ukoll xoghol tad-dawl u ilma. Kienu anke bajdu kullimkien u ghamlu ukoll il-*finishes.*

In kontro-ezami tikkonferma li sabiex ghamlu dawn ix-xogholijiet kienu hadu *loan*, liema *loans* thallsu waqt iz-zwieg.

Izzid tghid li l-attur kien johrog hafna u kien jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu u gieli kien jehodha sick l-ghada, partikolarment meta fil-*weekend* kien ikollu loghba. Tammetti li minn mindu bdiet tahdem bhala agenta tal-

---

[11] Doks. CIM 1 a fol; 214- 244

proprjeta' kienet bdiet tohrog ftit ma' shabha. Tikkonferma ukoll li ma kienx hemm xi passi dixxiplinari li ttiehdu fil-konfront tal-attur.

Dwar il-futbol tispjega li sakemm kellhom it-tifel kienet tmur tara l-attur, izda sakemm tfarfar it-tifel kienet waqfet. Tikkonferma li qatt ma kienet talbet lill-attur sabiex jieqaf mill-futbol, ghax minnu kien idahhal introjtu u kien ipoggihom fil-kont bankarju tieghu.

Tghid ukoll li kienu jibghatu lit-tifel skola privata u dan kien minhabba l-ghajnuna tac-*childrens allowance*, kif ukoll kellhom ghajnuna mill-genituri tal-attur.

Dwar ghajnuna fid-dar da parti tal-attur tinnega dan peress li kien jidhol lura d-dar ghall-habta tad-9 pm u dak il-hin kien isib l-ikel lest. Kien biss meta bdiet tahdem bhala agent u hu kien jahdem sas-2 pm, li hu kien jiehu hsieb li jsajjar ghalih u hi kienet tiekol wara peress li kienet tispicca mix-xoghol iktar tard. Dak iz-zmien kienet tahdem bejn id-9 am sas-6 .30 pm.

In kontro-ezami, il-konvenuta tikkonferma li kien hemm dizgwid bejnha u l-attur u n-nanna paterna, peress li t-tobba kienu rrakkomandaw certu kura ghat-tifel, izda l-attur ma riedx isegwi l-parir tat-tobba, meta l-konvenuta kienet qed tinsisti li l-parir taghhom ghandu jigi segwit.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, in kontro-ezami tikkonferma li kienu xi loans sabiex jirrangaw id-dar matrimonjali u kienu anke hadu xi loans b'affarijiet ohra inkorporati maghhom, pero' ma setghetx tiftakar l-ammont. Tammetti li wara li saru dawn ix-xogholijiet saret taf li dina l-proprjeta' kienet parafernali taghha, peress li ghal bidu kienet taf li kellha biss parti. Tikkonferma ukoll li tirrikonoxxi li l-attur intitolat ghall-ispejjes li ghamel f'dan il-post. Kienet taht l-impressjoni li d-dar kienet taghhom it-tnejn. Tispjega li fis-sena 2009, l-attur kien beda jsemmi li ried jara xi drittijiet

kellu fuq dina d-dar meta effettivament kienet dejjem tappartjeni nterament lilha. L-attur baqa' jinsisti li d-dar ghandha tinbiegh u ma jiehdux percentagg ugwali.

Dwar is-suspetti li l-attur kien qieghed f'relazzjoni tghid li kien biss *gut feeling*, tant li anke r-ragel t'ohtha m'emminix. Tghid li beda jkollha dawn is-suspetti ghax kienet bdiet tinduna li kienet tara lill-attur hafna fuq il-mobile u kien jircievi hafna messaggi, izda ma kienx ighid minghand min. Kien ikollu xoghol Ghawdex u kien jitlaq kmieni filghodu ukoll.Tammetti li hi ukoll kienet tahdem fir-*real estate* u kienet idum ix-xoghol sas- 6 pm u meta tmur lura d-dar kienet tibda taghmel il-faccendi, filwaqt li l-attur kien ikun qed jara t-televixin meta kienet tasal id-dar.

Tikkonferma ukoll li kien hemm problemi fir-relazzjonijiet intimi bejniethom u kienet tipprova tkellmu. Tichad li kien irid imur ghat-terapija, anzi kien ighidilha li ma jemminx fiha. Wahedha ma kinitx marret.

In kontro-ezami tikkonferma li f'Settembru, 2011 kien telaq mid-dar, izda xi tlett ijiem wara mar lura ghax ried jipprova jirranga. Tentattivi kien hemm da parti tieghu. Tul dan iz-zmien kienet hadet hsieb thallas il-kontijiet u kienet anke bieghhejt ic-crieket tat-tieg sabiex thallas il-kontijiet.

Il-konvenuta ssemmi kif l-attur beda jsir aggressiv maghha u beda jkollu ossessjonijiet fuq id-drittijiet tieghu fuq id-dar matrimonjali. In kontro-ezami tikkonferma li dwar l-incident li sehh f'New Years Eve tas-sena 2011 fejn l-attur kien aggressiv maghha, cemplet biex taghmel rapport u nserta l-pulizija li kien hemm kien jafhom it-tnejn u kkonvinciha sabiex ma taghmilx rapport u semmghet mieghu. Dakinhar tikkonferma li ma kienx messha, izda kien beda jkisser xi oggetti d-dar u ghalhekk qabdet il-bagalji

u telqet bit-tifel. Dakinhar tattribwixxi dan l-incident minhabba li l-attur kien fis-sakra. Kienet imbaghad irritornat l-ghada d-dar.

Il-konvenuta tghid li kkonfermat li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra certu MM u dan meta dina tal-ahhar kienet ikkuntatjatha u stednitha biex jiltaqghu, tant li kienu ltaqghu l-KFC Gzira. L-istess M kienet qaltilha li kienu ilhom f'relazzjoni ghal xi tlett snin, izda kien hemm mumenti meta hi riedet ittemm ir-relazzjoni taghha. Kien isuss warajha u kien anke beda jinsisti maghha li ried jiftah *joint accounts* sabiex imorru l-Awstralja. Tikkonferma li kienet irceviet telefonata minghand certu M fejn infurmatha li kellha relazzjoni mal-attur. Tghid li kien ikkonfrontatu u kkonferma dina r-relazzjoni. Ma kinitx qalet lill-familja ghaliex kien ghad kellha t-tama li jirrangaw u ghalkemm kienet konvinta li kien ikkommetta adulterju, kienet lesta li tahfirlu peress li kien ammetta maghha.

Izzid tghid ukoll li l-familjari tal-attur kienu jafu b'dina r-relazzjoni, tant li oht l-attur kienet habiba taghha sew u kienet anke bdiet tinduna li kienet qed tigi iktar distakkata u maqtugha mill-familja ta' zewgha. Oht l-attur imbaghad kienet spiss tiffrekwenta d-dar taghhom u kienet iddispjacuta li qatt ma ntqal xejn.

Il-konvenuta pero' tammetti ukoll li l-attur kien qalilha li MM kienet ghamlitlu diversi rapporti mal-Pulizija li kien qed jaghmilha *stalking* u jdejjaqha.

Tispjega li meta bdew il-problemi kienu ghalqu l-*joint accounts*. Kellha ukoll kont taghha fejn kienet tiddeposita l-paga taghha. Meta kienet bil-commission kienet tithallas b'cekk, li mbaghad kienet issarrfu.

Il-konvenuta tikkonferma li llum qiedgha f'relazzjoni ma' PP

Tispjega li l-ispejjes tas-safar gieli hallas l-attur, izda gieli qasmuhom. Kien anke hallas il-hrug. Il-*loans* kienu jithallsu mill-kont tal-attur. Dwar il-konvenju tghid li dan waqa' u kienu qasmu d-depozitu.

Dwar il-*loans* tghid li dawn kienu l-ewwel mal-Bank of Valletta, imbaghad hallsuhom u hadu loans mal-HSBC Bank Malta plc. Il-house loan mal-BOV kien jammonta ghal Lm15, 000. Kellhom loans ohra fuq il-karozza u l-ohrajn fuq l-immobbli fejn kienu joqoghodu. Il-loans li kellhom mal-Bank of Valletta thallsu mill-HSBC u baqghu jhallsu l-HSBC, li kien inkorpora l-*loans* kollha f'kont wiehed. Mal-HSBC kienu hadu *loans* ohra. Dwar ix-xogholijiet li saru fid-dar matrimonjali tghid li l-haddiema kienu damu xi xhur, imma mhux snin u kienu jithallsu mil-*loan account.*

Meta bieghu d-dar ta' Birzebbuga ghall-prezz ta' €170, 000 tghid li b'dawn il-flus l-ewwel qatghet il-loans li jirrizultaw (Doks. LA 24- LA 26). Kienet anke tat donazzjoni lit-tifel fl-ammont ta' €16, 000 u kienet anke hallet konvenju fuq appartament u garaxx f'Birzebbugia. Ghal dan kienet hallset €14, 500. Sussegwentement kienu kkancellaw dan il-konvenju u qassmu d-depozitu bejniethom.[12] Is-sehem taghha ddepositatu go kont bankarju. Tghid ukoll li mal-bejgh l-attur kien insista li jmorru btala lejn Londra u kienet hallset kollox mill-flus li kienu gabu mill-bejgh tal-istess proprjeta'. Apparti minn hekk, l-attur kien gieghlha thallaslu l-kont tal-Visa tieghu, kif ukoll tirrifondilu l- €1000 li kien silef lit-tifel biex ghamel depozitu fuq post f'Bormla.

Izzid tghid li meta hallset id-depozitu fuq l-appartament tal-Qajjenza, l-attur bhal donnu iktar beda jaghmel l-arja ghax kien ser jirrizulta li ser jixtru post fuq isimhom it-tnejn. Kien jitghajjar li ried nofs il-flus specjalment meta

---

[12] Doks. CM 1

kien ikun fis-sakra u tghid li ddispjacuta ghaliex wara kollox kienet iddecidiet li tidhol f'konvenju gdid anke meta kellu relazzjoni ma' haddiehor.

L-attur kien baqa' donnu jrid jivvendika ruhu u nsista li ghandhom ibiddlu t-testment taghhom sabiex ihallu lil xulxin uzufruttwarja tal-proprjeta' taghhom, filwaqt li ghamlet hekk, gimgha wara marret taghmel testament sigriet fejn innominat lit-tifel taghhom bhala l-werriet taghha.

Il-konvenuta ttenni li kienet iddecidiet li titlaq mid-dar f'April, 2019 u dan wara li kienet ghaddejja minn wisq kummiedji minhabba l-attur, partikolarment minhabba l-kawza li kienet ghaddejja ma' MM . Kienet iddejjqet thossha rridikolata u ghalhekk kienet marret toqghod ghand il-habiba taghha u kellha l-intenzjoni li toqghod hemm gimgha sabiex tara kif thossha. Minhabba l-ansjeta' li kienet qabbditha tghid li spiccat kienet tilfet hafna piz u kellah tirrikorri ghall-medicini li taha t-tabib.

Il-konvenuta tishaq li mill-mument li ddecidiet li titlaq lill-attur bdew serji ta' abbuzi, fejn beda jikteb fuq is-*social media* fil-konfront taghha u ta' habibitha. Kien anke remielha l-qattus barra. Minn Settembru, 2020, il-konvenuta bdiet tircievi xita ta' messaggi ta' natura sesswali minn nies li bdew jistaqsuha ghas-servizzi sesswali. Jirrizulta li kien hemm xi numri li tpoggew fil-latrini pubblici u kien irnexxielha tiddobba ritratt ta' x'kien hemm  miktub. L-attrici tikkonferma li hija konvinta li dawn il-kitbiet saru mill-attur ghax kienet gharfet il-kaligrafija tieghu. Fuq dina l-kwistjoni l-konvenuta pprezentat diversi rapporti mal-pulizija.

Jirrizulta li wara li l-pulizija kienu tkellmu mal-attur, minn hemmhekk bdiet tircievi ittri anonimi, flimkien mal-girien taghha, li kienu miktubin b'.u ghal darb'ohra l-istess ittri kienu qed jirriklamawha ghas-sess.

Kienet anke baqghet tircievi dawn l-ittri anke meta marret toqghod f'post fiss u suppost l-attur ma kienx jaf.

Kien anke beda jinfexx f'attakki oxxeni fuq Facebook fil-konfront tal-konvenuta,[13] tant li kellha tirrapportahom lill-pulizija.[14]

Skond il-konvenuta, l-attur kien anke ta fastidju lil ohtha NC fejn irceviet zewg messaggi fejn kien qed jallega li zewgha ma kienx fidil lejha.[15] Lill-habiba taghha kien qallha li kienet tghid hafna kontriha.[16] Kien anke gab in-numru tat-tfajla tat-tifel sabiex beda jcempel fuq in-numru taghha sabiex ikellimha u beda jghajjarha.[17]

Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien isir aggressiv hafna meta jkun taht l-influenza tad-droga u bdiet thossha anzjuza fil-presenza tieghu, tant li kellha tinkariga s-servizzi ta' *private security* biex jakkumpanjaha meta kellha l-maghmudija tan-neputija. Bhala konsegwenza ta' dan tghid li kellha tirrikorri ghas-servizzi ta' psychologist minghand il-Victim Support Malta.[18] Quddiem il-Qorti, l-attur kien obbliga ruhu ukoll sabiex ihalliha bil-kwiet.

Dwar manteniment, il-konvenuta tikkonferma li prezentement tahdem fuq bazi full-time.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

1. Dwar id-dar matrimonjali u cioe' d-dar 12, Misrah is-Summit, Birzebbugia, il-konvenuta tikkonferma li ommha kienet tatha dina l-

[13] Dok. I-J annessi mal-affidavit tal-attrici.
[14] Doks. J 4 – J 12
[15] Dok. J9 u J10
[16] Dok. J11
[17] Dok. J 12
[18] Dok. K

proprjeta' bhala donazzjoni.[19] Tikkonferma ukoll li kienu hadu facilitajiet bankarji sabiex jirrangaw id-dar u l-pagamenti ta' dan il-loan kienu jsiru fiz-zwieg.

Tikkonferma ukoll li fiz-zwieg kienu anke hadu facilitajiet bankarji ohra sabiex xtraw diversi vetturi Alfa, Fiat Punto u Peugeot. Kienu anke hadu loan sabiex ihallsu kompjuter ghat-tifel.

Fl-2017 kienet bieghhet il-post ta' Birzebbugia[20] u tikkonferma ukoll li mill-prezz tal-bejgh kienet qatghet il-*loans* li kien hemm pendenti u tikkonferma li fit-23 ta' Frar, 2017 kienet hallset is-segwenti:-

i) €19, 348.37 lil HSBC Bank Malta plc;
ii) €18, 823.53 lil HSBC Bank Malta plc;
iii) €21, 926.12 lil HSBC Bank Malta plc.

Mill-istess bejgh kienet anke hallset depozitu fuq flat u garaxx il-Qajjenza, Birzebbugia €14, 500 u €1450 taxxa. Tghid li dan il-konvenju kien gie mgedded u l-post ghadu mhux mibni.[21]

Dwar id-depozitu li kienet tat lit-tifel fl-ammont ta' €16, 000 tghid li dan kien uzah ghall-konvenju, izda mbaghad hu u t-tfajla tieghu kienu waqqghu dan il-konvenju u hadu d-depozitu u qedghin fuq konvenju iehor.

Mill-istess fondi kienet xtrat diversi oggetti ghall-post ta' Xghajra fosthom, shelving, portable ac units u television u tali oggetti, l-attur bieghom minn fuq Facebook.[22] Izzid tghid ukoll li meta l-attur telaq mill-post tax-Xghajra kien gabar id-depositu li kienu hallsu lis-sid u cioe' l-ammont ta' €400.

---

[19] Dok. L
[20] Dook. M1 u M2
[21] Dok. N
[22] Dok. O

Il-konvenuta ssemmi d-diversi oggetti li kienu xtraw fiz-zwieg fl-affidavit taghha u tikkonferma ukoll li fil-post tax-Xghajra kienet halliet sett tal-borom li kien rigal minghand ommha, kif ukoll salib tat-tebut ta' missierha. Pero' tispjega li meta talbet lis-sid biex tidhol fil-post tax-Xghajra wara li li kien telaq l-attur, sabet li l-attur kien ha dawn l-oggetti kollha.

3. **Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-partijiet.[23]Jikkonferma ukoll li jekk kemm il-darba wiehed ikun impjegat, izda ma jirregistrax il-ktieb tax-xoghol, jista' jehel multa ta' €500.

4. **Dr. Chris Spiteri**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta lista ta' karozzi, prezenti u passati li kienu f'isem l-attur. Jikkonferma ukoll li prezentement ma hemm ebda vettura rregistrata fuqu.[24]

Ipprezenta ukoll l-istess informazzjoni fir-rigward tal-konvenuta.[25]

5. **Claudia Diacono**, ghan-nom ta' Malta Business Registry tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet mar-Registru jirrizulta li l-konvenuta kellha sehem f'kumpanija, li iktar 'l quddiem sar partnership P876, pero' llum dina l-kumpanija hija *struck off.*[26] L-involviment taghha kien ta' *one share* u *judicial representative*, anke meta kienet kumpanija Bridal Gallery Ltd. B'registrazzjoni C23059 li gie *struck off* fit-12 ta' Jannar, 2002.[27]

---

[23] Doks. LB 1 u LB 2
[24] Dok. CS 1
[25] Dok. CS 2
[26] Dok. CD 1
[27] Doks. CD 2 u CD 3

6**. Gabriella Marmara'** ghan-nom tal-APS Bank tikkonferma li ebda mill-partijiet kellhom xi kontijiet bankarji jew xi self maghhom.

7. **Rowena Azzopardi** ghan-nom tal-BNF Bank tikkonferma li l-partijiet qatt ma kellhom kontijiet bankarji maghhom.

8. **Lorraine Attard** ghan-nom ta' HSBC Bank Malta plc. Tikkonferma li f'isem l-attur irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) current account 040167991001 li ghadu miftuh;[28]

ii) savings account 047032545050 li ghadu miftuh;[29]

iii) savings account 047032545051li llum inghalaq;[30]

iv) current account 0470325545001 li llum inghalaq;[31]

v) loan account 14284482 li llum huwa maghluq, izda l-facilita' ma ttiehditx.

Fuq isem il-konvenuta jirrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Current account 047088562001;[32]
ii) Savings account 047088562050;[33]
iii) Savings account 047088562051;[34]
iv) Savings account 047088562051 llum maghluq.[35]

---

[28] Dok. LA1
[29] Dok. LA2 – LA 3
[30] Dok. LA 4
[31] Dok. LA 5
[32] Dok. LA 6
[33] Dok. LA 7
[34] Dok. LA 8
[35] Dok. LA 9

Bhala kontijiet kongunti jirrizultaw is-segwenti:-

i) Loan account 047088570306 llum maghluq;[36]

ii) Loan account 047088570307 llum maghluq;[37]

iii) Loan account 047088570305 llum maghluq;[38]

iv) Savings account 047088570050 llum maghluq;[39]

Ipprezentat ukoll l-estratti ta' bejn it-30 ta' Ottubru, 2013 sat-30 ta' Ottubru, 2010 u l-entrati ta' 2011 sa meta nghalaq f'Marzu, 2012.[40]

v) Current account 047088570001 llum maghluq;[41]

vi) Loan account 047088570302 llum maghluq;[42]

vii) Loan account 047088570303 llum maghluq;[43]

viii) Loan account 0470885703014 llum maghluq;[44]

ix) Loan account 047088570300 llum maghluq;[45]

x) Loan account 047088570301 llum maghluq;[46]

xi) Loan account 047088570300 llum maghluq;[47]

xii) Loan account 047088570302 llum maghluq;[48]

xiii) Loan account mal-mortgages department 014084857 llum maghluq[49]

xiv) Loan account mal-mortgage department 16116617 llum maghluq;[50]

---

[36] Dok. LA 10
[37] Dok. LA 11
[38] Dok. LA 12
[39] Dok. LA 13
[40] Dok. LA 14
[41] Dok. LA 15-16
[42] Dok. LA 17
[43] Dok. LA 18
[44] Dok. LA 19
[45] Dok. LA 20
[46] Dok. LA 21
[47] Dok. LA 22
[48] Dok. LA 23
[49] Dok. LA 24
[50] Dok. LA 25

xv) Loan account 18060946 llum maghluq.[51]

**9.Jeanette Lepre** ghan-nom tal-Lombard Bank tikkonferma li ma rrizultaw ebda kontijiet bankarji f'isem il-partijiet.

**10. JB** jikkonferma li ilu jaf lill-attur 'l fuq minn hamsa u ghoxrin sena u l-aqwa habib li ghandu u jahdmu flimkien ma' Alf.Mizzi & Sons. Jikkonferma li l-attur kien jiftah qalbu mieghu u kien stqarr li kellu problemi fiz-zwieg peress li l-konvenuta kienet inbidlet miz-zmien li kienu zzewwgu. Personalment seta' jikkonferma li l-konvenuta ma kinitx tip ta' persuna socjevoli. L-attur kien ammetta mieghu li l-konvenuta kienet bierda minn mieghu u kien jaghmel hafna faccendi d-dar, tant li meta gieli hargu sabiex jiehdu flixkun birra ma kienx imur maghhom. Meta kien ikun hemm il-konvenuta prezenti kien jinbidel u jinqata' minn maghhom u kien jidher li ma kienx kuntent.

Jikkonferma li dan wassal sabiex l-attur ghadda minn trawma, tant li kellu jiehu l-pilloli, kellu speci ta' depressjoni u kien jippanikja. In kontro-ezami jikkonferma li kien jaf li kien qed jiehu l-pilloli peress li ma kienx normali, fejn issoltu cajtier u dan ma kienx hekk izjed.

Jikkonferma li kien jaf li l-attur kien jiehu hsieb il-pagamenti ta' djun u l-proprjeta' u kien anke prezenti xi darba meta hallas il-kera peress li kienu bieghu l-post ta' Birzebbugia u kienu krew ix-Xghajra.

[51] Dok. LA 26

Jammetti li kien rah differenza bejn l-attur fil-bidu taz-zwieg tieghu fejn kien kuntent u kienu anke siefru flimkien bhala koppji u meta bdew il-problemi. Kien jaf ukoll li kien hemm problemi ta' intimita' . Kienu baqghu bil-problemi u l-attur kien ammetta mieghu li ried jipprova jirranga l-affarijiet, tant li kienu anke ppruvaw imorru counselling. Kien ikellimha u kienet donnha tinjorah.

In kontro-ezami jghid li dak li xehed fuqu kien fuq dak li qallu l-attur u qatt ma kien tkellem mal-konvenuta fuq il-problemi fiz-zwieg taghhom. Ighid li l-attur kien qallu li ma kienx ihossu iktar stmat mill-konvenuta u kien hemm nuqqas ta' attenzjoni da parti taghha fil-konfront tieghu.

In kontro-ezami jghid li ma jafx min hi MM u li l-attur kellu kawza kriminali maghha peress li kienet ghamlet rapport kontrih. Jikkonferma li l-attur kien gieli ma johrogx maghhom. peress kien ighid li kellu faccendi x'jaghmel, izda ma setax jikkonferma dan peress li kien mar ghandu darba biss.

In kontro-ezami jghid ukoll li kien l-attur li kien qallu li jhallas hafna mill-ispejjes tad-dar.

11. **MG , oht** l-attur tghid li huha huwa persuna ferriehija li jhobb il-familja, izda maz-zmien kienet ratu qed jinbidel u kien beda jidhol fih inniffsu u ma baqax daqshekk ferriehi. In kontro-ezami tikkonferma li ma kinitx tkellmet mal-konvenuta u li kienet ghamlet zmien ma titkellimx mal-familja taghha.

In kontro-ezami tghid li kienet rat lill-konvenuta u ma kinitx kellmitha. Tghid ukoll li ma kinitx taf lil MM u li l-attur kellu kawza kriminali kontriha. Tinnega li kienet taf li l-attur kien dam tlett snin f'relazzjoni ma' MM .

Tghid li l-attur kien qallha li r-relazzjoni mal-konvenuta ma kinitx tajba. Kienet tinduna meta l-attur kien jistiedinhom id-dar, il-konvenuta ma tantx kienet tmidd idejha u kien jaghmel kollox l-attur. Kienet tibqa' tpejjep ukoll, meta kienet taf li l-attur jiddejjaq.

Kien hemm anke okkazzjonijiet fejn l-attur kien icemplilha sabiex tohrog mieghu ghaliex kien ikun wahdu u kien jiftah qalbu maghha li l-konvenuta kienet bierda minnu u li ma kinitx tkompli meta kienu johorgu ma' shabu. Kien jipprova jikkuntentaha tghid billi joqghod maghha, ihalliha tohrog ma' shabha, minkejja li ma kienx kuntent.

12. **Lynn Sammut** ghan-nom ta' Richmond Foundation fil-kapacita' taghha ta' Psychological Manager Services tikkonferma li l-attur kien talab is-servizzi taghhom f'Mejju, 2019 minhabba li kellu problemi fir-relazzjoni tieghu u kien hemm kuntratt inizzjali, kif ukoll inzammu tlett sezzjonijiet ma' wahda mit-terapisti Marita Galea.

Fl-ewwel sezzjoni kienu tkellmu fuq il-problemi, fit-tieni sezzjoni kienu tkellmu fuq li l-attur kien qed ihossu ahjar u x'kien qed jissapportjah. Fit-tielet sezzjoni, l-attur kien ikkonferma li kien qed ihossu ahjar u ma kellux bzonn iktar terapija.[52]

13. **Dr. Stephen Spiteri MD** jikkonferma li huwa t-tabib kuranti tal-attur. Jikkonferma li kien mar ikellmu fuq ansjeta' u tensjoni u kien ippreskrivilu xi medicini sabiex ihossu ahjar. Id-depressjoni kienet konsegwenza ta' problemi maritali u ghalhekk kien ippreskrivilu anti-

[52] Dok. LS 1

depressants li huma ukoll *mood stabilisers* u kien tahomlu ghal xi tlett xhur ghax jahdmu fit-tul.

Jikkonferma li dan kien ghamlu sabiex jissalvagwardja l-istat mentali tal-attur.

In kontro-ezami jikkonferma li kien jaf lill-konvenuta ukoll u peress li kienet parti mill-problemi maritali, kien anke gieli ppreskrivilha medicina minhabba tensjoni.

14. **Silvan Fenech** ghan-nom ta' TUM Invest jikkonferma li kien hemm konvenju iffirmat bejn is-socjeta' TUM Invest u l-partijiet. Ighid li l-art l-ewwel kienet ghaddiet taht Ferretti Developments u mbaghad kienet mibjugha lill-kumpanija ohra Scirocco Development Ltd. Dwar id-depozitu l-partijiet ghaddewh ghand in-Nutar u kien ghadda l-obbligazzjonijiet lilhom. Id-depozitu kien ta' €12, 500.

15. **Dr. Maria Navarro** ghan-nom ta' Elmo Insurance pprezentat polza ta' assikurazzjoni tal-konvenuta ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ICD 064.[53] Ipprezentat ukoll polza ta' assikurazzjoni rigward il-vettura KCA 732.[54] Ipprezentat ukoll l-valur tal-vetturi.[55]

**16.** **Marco Camilleri** jikkonferma li l-attur kien talbu sabiex jaghmel xi xogholijiet fil-fond 12, Misrah is-Summit, Birzebbugia. Hu jahdem bhala *tile layer* u dan kien xi ghaxar snin ilu. Jispjega li kien

[53] Dok. MN 1
[54] Dok. MN 2
[55] Dok. MN 3 u MN 4

hadmilhom kamra tal-banju, bitha t'isfel kif ukoll fuq il-bejt hdejn il-*pool*.

Ikkonferma li kien iffirma karta fejn kien hemm specifi.kat ix-xoghol li kien ghamel fil-kamra tal-banju, kif ukoll l-ispejjes tal-materjal.[56] Izid ighid li dina l-karta kien ghaddielu l-attur u kien iffirmaha xi tlett gimghat qabel ma kien qed jixhed. Kien thallas €4500.

17. **Charles Camilleri** ghan-nom ta' Medistone pprezenta invoice li tindika d-depozitu li thallas kif ukoll il-pagament li sar fuq akkwist ta' *fireplace* u accessorji fl-ammont ta' €4198.88.[57] Jikkonferma ukoll li l-ahhar pagament sar fil-15 ta' Lulju, 1998 u xoghol kien sar f'post Birzebbugia.

Jikkonferma ukoll li kien hemm rendikont u dan kien thejja fuq talba tal-attur recentement, pero' r-records kienu fil-kompjuter**.**

18. **Ernest Bugeja** jikkonferma li kien ghamel kcina fil-washroom, dawl u ilma, u xi xogholijiet ohra ghall-partijiet fil-fond 12, Misrah is-Summit, Birzebbugia. Jikkonferma li peress li kien ghamel dan ix-xoghol snin ilu ma setax jiftakar l-ammont li thallas pero' kien ikkonferma mal-attur li kienu circa €1000.

Jikkonferma d-dokument datat 26 ta' Mejju, 2022 u jaraf il-firma tieghu. Jikkonferma li kien l-attur li kien hallsu personalment**.**

[56] Dok. TB 1
[57] Dok. CC 1

19. **Alfred Zahra** jikkonferma li jaf lill-partijiet peress li kien hadmilhom poggaman fid-dar tal-partijiet f'Birzebbugia u dan kien xi ghoxrin sena ilu. Jikkonferma li dan ix-xoghol kien qam cirka Lm2000 u kellu disinn sabih. Jikkonferma ukoll il-firma tieghu fuq id-dokument 13B1 u l-ammont hemm indikat ta' €5000. Jikkonferma ukoll li thallas mill-partijiet ghal dan ix-xoghol.

20. **Emanuel Cutajar** jahdem fil-kostruzzjoni u jikkonferma li kien irranga saqaf li kien waqa' lill-partijiet. Dan ix-xoghol kien sar f'Birzebbugia. Kien anke ghamel infurzar fuq l-istess saqaf ghax riedu jaghmlu *swimming pool* u infurza saqaf iehor fil-kamra tas-sodda u kien bajjad kollox minn barra.

Jikkonferma ukoll kien ghamel ix-xogholijiet kif indikati fid-Dokument RM 4[58] fejn hemm indikat li kien thallas Lm7500 ghax-xoghol tas-saqaf, €2500 ghall-infurzar tas-saqaf minhabba l-*pool*, plastering €3500 u €2500 ghax-xoghol ta' *re-enforcement* tas-saqaf tal-*ispare bedroom*.

Jinsisti li l-attur kien kellmu xi sentejn ilu u kien talbu sabiex jaghmlu karta sabiex jikkonferma x-xogholijiet li kien ghamel ghall-partijiet u fil-fatt jikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument li jgib id-data 24 ta' Mejju, 2022.

Ighid ukoll li kien hemm drabi li thallas b'cekk jew anki fi flus fil-kcina tal-partijiet, izda ma kienux semmew jekk kienx qed jithallas minn loan.

21. **GM** , missier l-attur jispjega li ghall-bidu taz-zwieg ma kien jara xejn hazin bejn il-partijiet. It-tibdil fil-konvenuta kien beda jarah wara li twieled it-tifel.

---

[58] A fol 281

Ighid li l-konvenuta ma tantx kienet it-tip li tkompli maghhom u meta kienu jkunu mistiednin ghandhom, kienet toqghod taqra ktieb u prattikament tinjorahom.

Ighid ukoll li l-attur kien jilmenta maghhom li ma kienx kuntent u ghalkemm ma tantx kien jiftah qalbu maghhom kien jilmenta li x-xoghol tad-dar, tisjir u tindif kien jaqa' kollox fuqu.

Izid ighid li meta martu kienet spiccat l-isptar, il-konvenuta qatt ma marret taraha.

Maz-zmien, l-attur iktar beda jiftah qalbu mieghu u kien iddispjacut ghaliex il-konvenuta ma kinitx tati kasu, tohrog mal-hbieb, ikollha *meetings* u ikliet ma' shabha.

Jispjega li dejjem kienu hemm ghall-partijiet u meta l-konvenuta kienet tahdem il-Fgura, fil-vicinanzi taghhom kienet tmur tiekol ghandhom kuljum u tirritorna lura x-xoghol. Kienu anke jigbrulhom it-tifel mill-iskola u jiehdu hsiebu.

Jikkonferma li fid-dar ta' Birzebbugia kien ghamel hafna xogholijiet u ma kienx jitlobhom il-hlas tal-ispejjes u dan minhabba li kien taht l-impressjoni li d-dar kienet tappartjeni lit-tnejn. Kien ghamel il-*plumbing* u anke l-madum tal-b*athroom* u pogga l-madum ukoll fil-kuritur, ghadda d-dawl fuq il-bejt u ghamel tinda tal-hadid.

Ighid li dan ix-xoghol kien ghamlu cirka tmintax-il sena ilu u jikkalkola li kien nefaq xi Lm4000, izda ma talabhomx dawn il-flus.

In kontro-ezami jikkonferma li kien jaf li d-dar ta' Birzebbugia kienet tappartjeni lill-omm il-konvenuta ghax hekk kienet tghid, izda jinnega li l-konvenuta kienet qaltlu li ommha kienet tatha d-dar b'donazzjoni. Kien dejjem taht l-impressjoni li t-tifel kellu sehemhu minn dina d-dar.

22. **RPC 3141** tikkonferma li fir-rigward tar-rapporti li saru fid-distrett Haz-Zabbar, Wied il-Ghajn u x-Xghajra jirrizulta li kien sar wiehed mill-attur fl-2020.[59]

23. **PC 362** mill-Ghassa tan-Naxxar tikkonferma li kien hemm hames rapporti li saru fl-ghassa taz-Zejtun,[60] kif ukoll dawk li saru fl-ghassa ta' B'Kara.[61]

24. **Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li dwar id-depoziti li saru fil-kont 047032545050 ma setghetx tixhed fuq certi depoziti peress li c-cekkijiet ma jinzammewx ghax ikun ghadda r-*retention period*. Tikkonferma pero' li kien hemm depozitu ta' €4000 u kien cekk mahrug f'isem l-attur.[62]

Kien hemm ukoll depozitu fl-ammont ta' €494.06,[63] iehor ta' €314.91[64] u ta' €278.23.[65] Kien hemm ukoll depozitu fl-ammont ta' €275.76, €350, €851.68, €180, €6250.[66]

Kien hemm ukoll *withdrawal voucher*, li sar mill-kont tal-attur fis- 27 ta' Lulju, 2020.[67]

---

[59] Dok. JC 1
[60] Doks. DA 1 – DA 5
[61] Doks. DA 6 – DA 18
[62] Dok. LAX 1 (ara ukoll cekk numru 12 li huwa l-istess)
[63] Dok. LAX 2
[64] Dok. LAX 3
[65] Dok. LAX 4
[66] Dok. LAX 5 – LAX 9
[67] Dok. LAX 10

25. **Dr.Rebecca Micallef** ghan-nom ta' Alf.Mizzi & Sons. Ltd. Ipprezentat l-FS3's tal-attur minn meta beda jahdem maghhom fis-7 ta' Novembru, 1994 sas-sena 2022.[68]

26. **Cheryl Quadrella**, ghan-nom tal-HSBC Life Insurance pprezentat diversi dokumenti.[69] Tikkonferma li l-attur kellu hames poloz, mal-HSBC Life policy number 310005300 u din *protection policy* ghall-mortgages.[70] Din kienet polza kongunta mal-konvenuta u kienu *life assured.* Izzid tghid li t-tnejn li huma kienu assikurati u l-*premiums* kienu qed jigu mhallsa minn HSBC mortgages. L-ammont kien ta' €141.91 annwali u l-polza giet maghluqa mit-tnejn li huma fil-5 ta' Ottubru, 2017. Kienu rcevew ir-*release* tghid fl-1 ta' Marzu, 2017.

Polza ohra li ggib in-numru 620001098 li bdiet fl-1 ta' Novembru, 2009 u kienet biss f'isem l-attur. Tghid li l-premiums kienu qed jigu mhallsa minn kont numru 047032545050 li jghajjat lil RM . Il-monthly premiums kienu jammontaw ghal €10.93 u l-polza giet ikkancellata fis-17 ta' Marzu, 2017.[71]

Dwar il-polza 620001099 li bdiet fl-1 ta' Novembru, 2009 kienet f'isem l-attur li huwa l-life assured ukoll. Tikkonferma li l-premiums kienu qed jithallsu minn kont numru 047032545050 li jappartjeni lill-attur. Il-monthly premiums kienu ta' €11.67 u l-polza giet ikkancellata fis-17 ta' Marzu, 2017.[72]

---

[68] Dok. RM 1
[69] Dok. CQ 1 – CQ5
[70] Dok. CQ 1
[71] Dok. CQ 2
[72] Dok. CQ 3

Dwar il-polza numru 330002262 li bdiet fit-2 ta' Ottubru, 2009 kient kongujnta bejn il-partijiet u t-tnejn li huma kienu *life assured*. Il-*premiums* kienu qed jithallsu minn HSBC mortgages. Tikkonferma ukoll li kienu rcevew ir-*release* fl-1 ta' Marzu, 2017 u l-*annual premium* kienet ta' €285.23, liema polza giet maghluqa fuq talba tal-partijiet konguntivament.[73]

Dwar il-polza li ggib in-numru 610004221 li bdiet fis-26 ta' Novembru, 2007 kienet mahruga f'isem l-attur, li huwa l-*life assured*. Il-*premiums* kienu qed jigu mhallsa mill-kont numru 0470325450505 f'isem l-attur. Il-*monthly premiums* kienu ta' €16.77 u giet ikkancellata fid-9 ta' Marzu 2010.[74] Din il-polza kienet *to benefit personal loan*.

Tikkonferma li l-poloz indikati bhala Doks. CQ 1 – CQ 4 dawn inhargu biex jaghmlu tajjeb ghall-proprjeta' immobbli.

27. **Naomi Said Elme**r ghan-nom tal-BOV Asset Management ikkonfermat li l-attur ma kellu ebda investimenti.

*28.* **Johanna Bartolo**, ghan-nom tal-Bank of Valletta plc. tispjega li *consumer loan* jista' jkun *home loan* jew *personal loan*, jew addiritura *credit card loan.*

Dwar id-Dokument JB 4 tghid li l-l*oan* nghalaq fl-2003 u ma jkollhomx *sanction letter* peress li jigu distrutti hames snin wara li jinghalaq il-loan. Il-*loan* kien *house loan* u kien f'isem il-konvenuta.

---

[73] Dok. CQ 4
[74] Dok. CQ 5

Dwar l-loan 33505542014, tghid li kien kongunt u peress li l-loan kien thallas sas-sena 2001, ma kienx ghad hemm is-*sanction letter*.[75]

Dwar il-*loan* 35305542027 li kien f'isem it-tnejn inghalaq f'Awissu, 2003 u ghal darb' ohra ma kinitx f'posizzjoni li tipprovdi s-*sanction letter.*

Dwar il-loan 33505542030 din kienet *consumer loan* f'isem il-partijiet. Ighid li l-kont infetah f'Settembru, 2000 u nghalaq f'Awissu, 2003 u ghalhekk ma hemmx *sanction letter*.

29. **Martina Azzopardi Cauchi** ghan-nom tal-Agenzija Appogg tahdem mad-Domestic Violence Unit u tikkonferma li taf lill-konvenuta li kienet ghamlet kuntatt maghhom f'Jannar, 2021 u dan minhabba li kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni li bdew fl-2019. Kienet infurmathom li kienet telqet mid-dar peress li kienet giet assoggettata ghall- vjolenza domestika. Il-konvenuta kienet saret taf li l-attur kellu kawza l-Qorti kontra l-*ex partner* tieghu minhabba vjolenza domestika. In kontro-ezami tikkonferma li ma joffrux servizz investigattiv u joqoghdu fuq dak li jghidulhom. Qabel ma jinghata s-servizz jaghmlu *assessment* biex jifhmu ahjar kif jistghu jghinu lill-persuna li titlob is-servizzi taghhom.

Pero' tkompli tispjega li qabel ma jibdew joffru s-servizzi taghhom, jaghmlu *assessment* sabiex jaraw kif jistghu jghinu iktar il-persuna li tkun talbet is-servizzi taghhom. L-investigazzjonijiet ihalluhom ghall-pulizija.

[75] Dok. JB 5

Il-konvenuta kienet qaltilha ukoll li l-*ex partner* tal-attur, kienet ammettiet magħha li l-attur kien ikun ta' spiss aggressiv magħha. Meta bdiet tħossha mbezza' kienet iddeċidiet li titlaq mid-dar.

Il-konvenuta kienet marret għandhom minħabba l-biża li kellha. Kienet ammettiet magħha li l-attur ma kienx jaf fejn kienet qed tgħix, izda kienu qed jigru affarijiet strambi bħal bdew icemplu nies jitolbuha servizzi sesswali. Kienet skopriet mingħand il-girien tagħha, li kienu qed jircevew *envelope*, b'ritratt tagħha fih fejn kien hemm miktub "call for sex." Kienet skopriet ukoll li dawn l-istess ritratti kienu mwaħħlin f'xi lattrini pubblici Tikkonferma li kienet irrapportat dan kollu lill-pulizija. In kontro-ezami tikkonferma li jista' jagħti l-kaz li l-attur sar jaf fejn kienet qed tgħix peress kien hemm incident fejn il-konvenuta kienet ipparkjat fil-vicinanzi ta' fejn kienet qed toqgħod, pero' kien ser isir xi kostruzzjoni u l-pulizija kienu cemplu sabiex tressaq dina l-karozza u jirrizulta effettivament li l-ewwel telefonata kienet saret lill-attur u b'hekk inkixef fejn kienet qed tgħix.

Kemm il-konvenuta, kif ukoll il-familja tagħha kienu rcevew messaggi anonimi u anke telefonati anonimi ta' theddid. Il-konvenuta kienet qaltilha kienet taħseb li hu l-attur li kien qed jibgħat dawn il-messaggi.

Tgħid li minn dak iz-zmien dejjem offrew sapport lill-konvenuta, tant li anke kemm il-darba akkumpanjawha l-Qorti minħabba li tibza' tigi wicc mb'wicc mal-attur. Mis-sena 2022, is-sitwazzjoni kienet ikkalmat u fl-24 ta' Frar, 2023, il-konvenuta għamlet rapport mal-pulizija minħabba li l-*partner* tagħha għandu ħanut u kemm il-darba l-attur qed igħaddi minn quddiemhom u tarah peress li tgħinu fil-ħanut. Kien hemm ukoll incident fejn wara l-Qorti f'seduta li nzammet fit-8 ta' Frar, 2023, il-konvenuta kienet mixja fit-triq u l-attur taħ daqqa ħafifa b'spalltu u għalhekk kellha tagħmel rapport. Dan tafu mhux għax ratu b'għajnejha, izda b'dak li qaltilha l-konvenuta. Tgħid ukoll li kellu jsir *risk assessment* fil-konfront tal-

konvenuta. Recentement il-maggor preokkupazzjoni tal-konvenuta hija l-allegat *stalking* da parti tal-attur.

Meta tkun prezenti l-Qorti tinnota, ghalkemm ma tkunx madwar il-mejda li hemm certu skumdita’ da parti tal-konvenuta u l-avukat taghha minhabba forma ta’ intimidazzjoni ghax il-konvenuta kienet konvinta li waqt is-seduti kienu qed isiru xi *recordings.* Tikkonferma li qatt ma kienet rat xi vjolenza jew aggressjoni waqt is-seduti, pero’ kienu jsiru xi kummenti li kienet tismaghhom u tifhem ghaliex il-konvenuta kienet thoss li huma botti fil-konfront taghha.

Tikkonferma ukoll li kienet taf li l-konvenuta gieli tinkariga *private security* sabiex thossha sikura, specjalment f’xi okkazzjoni fejn tkun taf li ser ikun hemm l-attur prezenti.

30. **CG** jikkonferma li kien jaf lill-konvenuta u kien sar jaf lill-attur , meta kien krielhom post ta’ nannuh GP u cioe’ Lilfil, Dawret ix-Xatt, Xaghjra. Jispjega li kien taht l-impressjoni li l-partijiet kienu damu jikru xi erba’ snin, izda nannuh kien miet fl-2017 u ftit qabel kienu telqu l-post.

Jikkonferma li l-kera kienet tithallas fi flus u hafna drabi kien imur l-attur, izda kien hemm drabi fejn kienet marret il-konvenuta. Kien hallashom lura d-depozitu meta tterminaw il-kirja, pero’ ma setax jiftakar lil min taha.

31. **Darren DeDomenico** ghan-nom ta’ Frank Salt jikkonferma li l-konvenuta kienet bdiet tahdem ma’ Frank Salt Real Estate mis-16 ta’ Mejju, 2016. Jispjega li bhala *sales consultant*, bejn 2016 u 2019, il-konvenuta kienet tithallas *commission* fuq il-bejgh li kienet

tikkonkludi. Ma kellhiex paga, pero' tul dan il-perjodu kienet qalghet cirka €48, 989.

Fl-2019 kien qalbet ghall-*property management* u ghalhekk kienet tircievi paga u baqghet izzomm dan l-impjieg sa Marzu, 2022 u tul dan il-perjodu l-paga taghha kienet akkumulat ghal €69.118. F'Marzu, 2022 kienet waqfet tahdem maghhom. Jikkonferma li dawn l-ammonti kienu kollha *gross* u ghalhekk il-konvenuta kien ikollha thallas it-taxxa fuqhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

L-attur jaddebita l-htija tas-separazzjoni lill-konvenuta minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, abbandun u vjolenza psikologika. Il-konvenuta da parti taghha fil-kontro-talba taghha tattribwixxi l-htija lill-attur minhabba primarjament adulterju, eccessi, sevizzi, abbandun, ingurji gravi, theddid u abbuz

**<u>Sevizzi, Eccessi u Ingurji Gravi</u>**

**<u>Il-Ligi</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull***

***nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel,***

***meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex

jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

L-attur jattribwixxi l-problemi fiz-zwieg taghhom primarjament minhabba li jhoss li l-konvenuta dahket bih meta nefaq u investa ammont sostanzjali ta' flus sabiex irrangaw id-dar matrimonjali, biex imbaghad sar jaf li d-dar hija parafernali tal-konvenuta.

Dina l-kwistjoni baqghet titqajjem kemm il-darba ghaliex l-attur donnu ried li jiehu dak li haqqu, izda jinsisti li l-konvenuta baqaghet taghmel li trid billi bieghet il-post ta' Birzebbugia u zammet il-flus ghaliha.

Il-konvenuta da parti taghha ammettiet li ghal xi zmien kienet taht l-impressjoni li d-dar kienet taghhom it-tnejn u ma kinitx konsapevoli li dina kienet parafernali ghaliha. Il-Qorti thoss li hawnhekk huwa difficli biex tifhem kif il-konvenuta ma kinitx taf jekk dina l-istess proprjeta' kienet tappartjeni lill-familja taghha,

Huwa minnu li nefqu hafna flus sabiex jaghmlu hafna xogholijiet strutturali, sa anke bidlu s-saqaf u biex jaghmlu l-*finishes* u kienu hadu diversi loans

sabiex dan isehh. Hemm provi li l-attur kien ihallas il-*loans* peress il-paga tieghu kienet tidhol f'dawn il-kontijiet.

Madanakollu, il-konvenuta dejjem ikkooperat u meta dina l-kwistjoni tad-dar bdiet issir wisq ghaliha, kienet accettat li jbieghuha sabiex jixtru post iehor. Ghall-konvenuta dan kien punt krucjali fiz-zwieg taghhom ghaliex ghall-attur kienet donnha rebha fejn kien ihoss li issa ghandu dritt fuq proprjeta' u seta' jaghmel li jrid. Fil-verita', ghalkemm l-attur jinsisti li mill-prezz tal-bejgh il-konvenuta zammet il-flus ghaliha u berbqet kollox tant li ma kellhiex bizzejjed biex tghin lit-tifel, mir-rizultanzi processwali hemm provi li juri li l-konvenuta kienet hallset ir-rimanenti *loans* li kien hemm fuq il-post ta' Birzebbugia, kif ukoll kienu marru btala Londra, kienet irrifondiet lura l-flus li l-attur kien sellef lit-tifel. Il-konvenuta addiritura kienet hallset id-depositu ta' €14, 500 fuq post il-Qajjenza li kienu xtraw fuq konvenju u kienet anke tat cirka €16, 000 lit-tifel sabiex ipoggi depozitu fuq post.

Tant hu hekk li l-konvenju tal-post ta' Qajjenza waqqghuh ghax qatt ma nbena u kienu tawhom lura d-depozitu li qasmu bejniethom.

Ghalhekk, f'ghajnejn dina l-Qorti, l-attur ma kkonvincihix li l-konvenuta kienet dahket bih, anzi pjuttost kienet altruwista f'dina l-kwistjoni tad-dar ta' Birzebbugia.

L-attur ukoll jattribwixxi t-tort ghas-separazzjoni minhabba li meta l-l-konvenuta bdiet tahdem bhala agenta tal-proprjeta' l-hinijiet tax-xoghol taghha kienet zdiedu u kienet anke bdiet tohrog mal-hbieb, bir-rizultat li kien jispicca li jiehu hsieb id-dar, il-faccendi u anke t-tifel.

Dan wassal sabiex bdew jitbieghdu minn xulxin u l-impatt tax-xoghol beda jinhass anke fir-relazzjonijiet intimi bejniethom.

Il-konvenuta tammetti li kienet xi kultant tiffrekwenta lill-shabha meta bdiet tahdem bhala agenta u kien biss meta kienet iddum ix-xoghol li l-attur kien ighin ftit peress li kien ikun id-dar mas-2 pm. Pero' tghid li hafna drabi kien ikun id-dar jara it-televixin u kien ikollha taghmel hafna affarijiet hi.

Huwa minnu li certament tibdil ta'xoghol igib mieghu tibdil fir-rutina u li anke ma hemm xejn hazin jekk xi kultant il-konvenuta kienet tiffrekwenta lill-shabha bhala zvog.

Hija iktar kredibbli l-verzjoni tal-konvenuta li l-problemi bdew bl-attur li kien sar aggressiv maghha specjalment meta inqalghet il-kwistjoni tad-dar.

Il-konvenuta ukoll tattribwixxi dawn il-problemi ghall-fatt li l-attur kien dejjem baqa' mohhu li jghix hajja ta' guvni. Kien jilghab il-futbol u wara l-loghob kien johrog jixrob ma' shabu u kien hemm drabi partikolarment bejn il-Hadd u t-Tnejn meta kien ikun lanqas jiflah iqum ghax-xoghol peress li jkun *hangover*. Il-konvenuta tinsisti li dina l-problema tax-xorb baqaghet ghaddejja fiz-zwieg taghhom, segwit b'diversi incidenti ta' aggressjoni li fl-ahhar mill-ahhar kkreaw tant biza' fil-konvenuta li waslet li hadet decizjoni li titlaq mid-dar.

Madanakollu, l-agir tal-attur baqa' jiggrava wara li l-konvenuta telqet mid-dar u sar jaf fejn kienet qed toqghod wara li l-pulizija kienu kkuntatjawh sabiex icaqlaq il-vettura li kienet qed taghmel uzu minnha l-konvenuta, peress li kienet ipparkjat f'zona ta' kostruzzjoni.

In segwitu ghal dan, il-konvenuta sfat vittma ta' hafna ingurji minn fuq Facebook, fejn l-attur ma baqax lura jikteb oxxenitajiet fuq l-istess konvenuta.[76]

Il-konvenuta hija ukoll konvinta li hadd ghajr l-attur kien wara d-diversi telefonati li kienet qed tircievi fejn talbuha dwar servizzi sesswali u dan in segwitu ghal diversi *posters* li twahhlu fil-latrina pubblika u fil-posta tal-girien tal-konvenuta b'ritratt taghha u anke bin-numru. Il-konvenuta hija iktar konvinta peress li kienet gharfet il-kitba tieghu. Wara li ghamlet diversi rapporti u l-pulizija kienu wissew l-attur, imbaghad dawn ir-reklami bdew jinkitbu permezz ta' *stencil*.

L-attur s'intendi jinnega dan kollu, pero' l-haddiema socjali li ssegwi lill-konvenuta Martina Azzopardi Cauchi tikkonferma l-verzjoni tal-konvenuta, anke jekk kemm il-darba, l-attur jinsisti li ma kienx hemm provi soddisfacjenti sabiex il-Qorti setghet tikkonferma li kien kolpevoli ta' dan ir-reklamar u anke telefonati anonimi.

Fuq l-posts fuq Facebook m'hemm l-ebda dubbju li huma l-attur li senza skrupoli offenda lill-martu stess b'kliem oxxen. Oltre minn hekk hemm wisq kumbinazzjonijiet li dan ir-reklamar ta' servizzi sesswali sar fiz-zmien li kienet telqet lill-attur u sar jaf fejn kienet qed tghix probabilment minhabba t-telefonata tal-pulizija fuq imsemmija.

L-attur mhux gdid ghall-*istalking* u dan anke mill-provi li tressqu rigward proceduri li ttiehu kontrih fuq rapport ta' MM  li maghha kellu relazzjoni. Dan l-*harassement* wassal sabiex l-istess Micallef issir bniedma anzjuza

[76] Ara document A u B annessi mal-affidavit tal-konvenuta

u tbati minn hafna tensjoni, tant li ma setghetx terga’ tiffacca lill-attur f’dawn il-proceduri.

L-istess konvenuta giet mahkuma minn hafna biza minhabba l-attur u kien ghalhekk li talbet l-ghajnuna mill-haddiema socjali u oltre minn hekk anke sabiex attendiet il-Maghmudija tan-neputi kellha tinkariga s-servizzi ta’ sigurta’ privata minhabba l-biza’ taghha mill-attur.

Il-Qorti, fuq bazi ta’ probabilita’ hija konvinta li l-attur huwa l-mohh wara dawn l-eccessi li qed ikollha tbati l-konvenuta u dan mhux biss fiz-zwieg, izda l-attur ghazel li jkompli jippersegwita u jumilja l-konvenuta anke wara li hadet il-pass li titilqu.

Ghalhekk hemm bizzejjed provi sabiex dina l-Qorti tikkunsidra li l-attur irrenda ruhu hati ta’ eccessi u ngurji gravi.

## ADULTERJU

### Il-Ligi

F’diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti stabbilit li bhala aggravju tas-separazzjoni sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li “jigi ppruvat permezz ta’ ndizji u prezunzjonijiet purche’ jkunu gravi, precizi u konkordanti b’mod li ma jhallu ebda dubju f’min ghandu jiggudika.”[77]

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi “***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta’***

[77] Rita Schembri vs Dot. Albert Grech et.noe.

***testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

"… ***l-Qorti hija konvinta dwar dan, li dak li primarjament wassal ghall-firda bejn il-partijiet kienet l-attitudini tal-konvenut li kien hati verso l-attrici ta' eccessi, mohqrija u sevizzi, u hawn l-istess Qorti taqbel ma' dak li qalet il-perit legali limitatament ghal dan ir-rigward u cjoe' li mill-provi prodotti jirrizulta li "ma kienx l-adulterju tal-attrici kien li farrak iz-zwieg. Iz-zwieg kien gja' tkisser irremedjabilment. L-esponenti ma tarax li ghandha titfa' l-htija tas-separazzjoni fuq l-adulterju tal-***[78]***attrici (ara "Xuereb utrinque" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 t' April 1991)"***

l-konvenuta ukoll bdiet tissuspetta li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra u dan meta kienet tarah hafna fuq il-mobile ta' spiss, kienet anke ndunat li kien johrog kmieni filghodu sabiex imur Ghawdex.

Minkejja li ghal bidu, il-konvenuta ssemmi li kellha biss *gut feeling* u li r-ragel t'ohtha qallha li ma jistax ikun, fil-verita' jirrizulta li effettivament l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' certu MM  li kkuntattjat lil istess konvenuta u ammettiet maghha li dina r-relazzjoni kienet damet xi sitt snin u kienet ippruvat ittemm ir-relazzjoni kemm il-darba. Il-haga li wegghatha l-iktar huwa li oht l-attur kienet saret taf dwar dina r-relazzjoni u kienet anke saret habiba tal-istess M.

L-attur jinnega li kien hemm dina r-relazzjoni, pero' mill-assjem tal-provi rigward l-allegazzjoni tal-adulterju, hemm diversi prezunzjonijiet gravi bizzejjed sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti li kien hemm dina r-relazzjoni,

---

[78] Cauchi vs Cauchi 02/10/2003

primarjament ghaliex hemm ammissjoni da parti ta' M M stess fil-proceduri kriminali li ngibu fil-konfront tal-attur u cioe' Il-Pulizija vs ORM fil-25 ta' April, 2019 [79] u addiritura tikkonferma li hi kienet waqfet dina r-relazzjoni. Minn dakinhar giet segwita u kien hemm hafna *stalking* da parti tal-attur, li spiccat kellha taghmillu r-rapporti. Fl-istess proceduri l-attur ma nnegax li kellu relazzjoni ma' M meta gie mistoqsi jekk kienx ghadu in kuntatt maghha.

L-istess M , meta giet mharrka titla' tixhed f'dawn il-proceduri ta' separazzjoni talbet li tigi ezentata stante li l-passat li kellha mal-attur ikkrealha hafna problemi psikologici u emozzjonali li ma kinux jippermettulha li titla' tixhed f'dawn il-proceduri.[80]

Ghaldaqstant, hemm bizzejjed indiziji u prezunzjonijiet li ma jhallu ebda dubbju li l-attur huwa hati talli kkommetta adulterju fil-konfront tal-konvenuta.

**Manteniment**

Fil-kontro-talba taghha, il-konvenuta qed taghmel talba ghall-manteniment, Mir-rizultanzi processwali, kemm il-darba, il-konvenuta stqarret li kienet ghamlet zmien tahdem *part-time*, izda prezentement ghandha impjieg *full-time* bhala agenta tal-proprjeta'.

Fis-sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta ghamlitha cara li mhix qed tippretendi manteniment minghand l-attur, izda ciononostante, tinsisti li l-fatt li huwa ghandu t-tort ghas-separazzjoni m'ghandhix tkun konsegwenza li fil-futur, fl-eventwalita' li m'ghaddx ikollha ntrojtu u ghandha tirrikorri ghall-ghajnuna finanzjarja minghand l-attur.

---

[79] Ara fol. 490 tal-atti tal-process
[80] Ara fol. 480 tal-atti tal-process

L-attur jinsisti li fl-ebda hin u mument m'ghandhu jkun hemm l-obbligu li jhallas manteniment ghall-konvenuta gialadarba tahdem *full-time* u ghandha ntrojtu tajjeb kif ikkonferma Darren DeDomenico ghan-nom ta' Frank Salt Real Estate, mill-FS3's li esebixxa. [81]

Tenut kont tal-fatt li l-konvenuta m'ghandhiex tort ghal dina s-separazzjoni dina l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-istess konvenuta u cioe' li m'ghandhiex titlef il-jedd taghha li titlob manteniment minghand l-attur jekk kemm il-darba jkun hemm tibdil ta' cirkostanzi.

Dan kien l-intendiment tal-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Adrian Sultana vs Stephanie Sultana**[82] fejn il-Qorti sostniet hekk:-

***"Fl-ewwel lok, il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-attur instab hati ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti applikat fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili u dan kif spjegat fit-tieni taqsima ta' dina s-sentenza. Min naha l-ohra, u fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ma nstabitx hatja bhall-attur, il-Qorti ma applikatx l-istess sanzjonjiet fil-konfront taghha u b'hekk ghad ghandha l-jedd li titlob il-manteniment minghand zewgha u dan skond l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.***

***Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma hiex f'posizzjoni illi serenament tasal ghall-konkluzjoni illi l-konvenuta rikonvenzjonanti jehtieglha fil-prezent tigi mmantnuta mill-attur….***

***Ghaldaqstant, il-Qorti f'dan l-istadju, u rebus sic stantibus, ma tarax li l-konvenuta ghandha tippercepixxi manteniment minghand l-attur u dan gialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'ghandha l-***

[81] Doks. CIM1 a fol. 214 tal-process.
[82] Rik. Gur. 184/2017 deciza fl-24 ta' Gunju, 2021

***ebda impediment milli taqla' l-ghixjien taghha b'mod indipendenti bhalma ghamlet ghal dan l-ahhar zmien. Madanakollu u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma ghandux ifisser li l-konvenuta qiedgha b'xi mod titlef il-jedd taghha li fil-futur titlob manteniment minghand l-attur u dan f'kaz ta' tibdil ta' cirkostanzi li jikkonstringu lill-konvenuta titlob lill-zewgha ghajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment."***

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Fit-18 ta' Mejju, 2021, dina l-Qorti kienet ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Sa dakinhar il-komunjoni kienet tikkonsisti fis-segwenti:-

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

M'hemmx kontestazzjoni li l-fond 12, Misrah is-Summit, Birzebbugia, li kienet isservi bhala d-dar matrimonjali kienet proprjeta' parafernali ghall-konvenuta u dan meta b'kuntratt ta' divizjoni datat 16 ta' Lulju, 2009, fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja, il-konvenuta giet assenjata r-rimanenti tas-sehemijiet indivizi mill-istess dar minghand ommha u ohtha.

Sussegwentement gie kkonfermat mill-partijiet li dan il-fond inbiegh fl-1 ta' Lulju, 2016 u kienet biss il-konvenuta li dahlet fil-konvenju bil-prezz finali ta' €150, 000[83] u l-istess fond inbiegh fit-23 ta' Frar, 2017 fl-atti tan-Nutar Dr. Amanda Grech.[84]

Ghalhekk ma jirrizultax li hemm xi pendenzi fuq dina l-proprjeta'.

---

[83] Dok. M1
[84] Dok. M2

**<u>Kontijiet Bankarji</u>**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kien hemm sitt kontijiet bankarji li l-partijiet kellhom sat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghall-konvenuta dak li fuqu ghandha pretensjoni hija rigward il-kont HSBC Savings bin-numru 047-032545-050 , fejn fis-27 ta' Lulju, 2020, l-attur kien zbanka s-somma ta' €32, 000 u meta ppressat in kontro-ezami ammetta li kien zbanka dan l-ammont bhala donazzjoni ghalih inniffsu fejn beda jonfoq fuq hruq u ikliet ghax jippretendi li dawn huma tieghu. Jirrizulta ukoll li fl-istess kont kienet tidhol ukoll il-paga tal-konvenuta fiz-zmien li l-konvenuta kienet tahdem Newark College.

Jirrizulta carament li dan l-ammont ta' €32, 000 inhareg minn kont fejn l-istess ammont kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-koincidenza li dawn il-flus ingidbu mill-attur ftit qabel ma sehhet il-medjazzjoni, iktar jikkonvincu lil dina l-qorti, li l-attur kien *ben konsapevoli* li dawn il-flejjes ma kinux tieghu *in toto* u li parti minnhom kienu dovuti lill-konvenuta u cioe' s-somma ta' €16, 000.

L-attur da parti tieghu qed jippretendi li huwa ntitolat ghal nofs is-somma li hemm fil-kont tal-konvenuta, kont savings mal-HSBC li jgib in-numru 047088562051 u cioe' s-somma ta' €2700. In vista tal-fatt li dina l-Qorti qed izzomm lill-attur responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, ghandhom japplikaw kontrih is-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi u ghaldaqstant, qed jitlef kull jedd ghal dan is-sehem tieghu mill-imsemmi somma.

**Krediti Ohra**

1. Mhux ikkontestat mill-partijiet li huma kienu hadu diversi facilitajiet bankarji, parti sabiex xtraw xi vetturi, fosthom Alfa, Punto u Peugeot, kif ukoll hadu *loans* sabiex jirrangaw id-dar ta' Birzebbugia.

Il-konvenuta ma tinnegax li l-*loans* kienu qed jithallsu mill-kont bankarju tal-attur, madanakollu jirrizulta li kien hemm problemi sabiex il-banek jipproducu dokumentazzjoni u *sanction letters* relatati ma' dawn il-*loans*, stante li kienu ttiehdu lil hinn mir-retention period tal-banek.

Ciononostante, jirrizulta li l-attur kien ghamel is-segwenti pagamenti fuq is-self li kellhom u dan mhux ikkontestat mill-konvenuta:-

i) Loan fl-ammont ta' Lm14, 000 ekwivalenti ghal €32, 611 (Loan Account mal-Mortgages Department tal-HSBC bin-numru 014084857);[85]
ii) Loan fl-ammont ta' €29, 177 (Loan Account mal-Mortgages Department tal-HSBC bin-numru 016116617;[86]
iii) Loan fl-ammont ta' €24, 000 (Loan Account mal-Mortgages Department tal-HSBC bin-numru 018060946.[87]

L-attur jikkonkludi li hu kien hallas total ta' €85, 788 fuq tali *loans* u ghalhekk qed jippretendi li jigi rifuz l-ammont ta' €42, 894 stante li ghandu kreditu kontra l-konvenuta.

---

[85] Dok. LA 24
[86] Dok. LA 25
[87] Dok. LA 26

Il-konvenuta taghti verzjoni daqsxejn kontrastanti ma' dak tal-attur in kwantu in segwitu ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, il-konvenuta tammetti li kienet saldat il-l*oans* li kien fadal. Kienu ttrasferew il-*loans* mal-Bank of Valletta plc. ghall-HSBC u kienu amalgamaw il-*loans* f'kont wiehed.

Il-konvenuta tikkonferma li wara l-bejgh tal-post ta' Birzebbugia kienet hallset is-segwenti *loan*s u dan kien necessarju sabiex titnehha l-ipoteka da parti tal-banek:-

i) Loan account mal-Mortgages Department tal-HSBC bin-numru 014084857 fejn sar depozitu fl-ammont ta' €19, 348.37 fit-23 ta' Frar, 2017 u l-istess *loan* gie saldat;[88]

ii) Loan account mal-Mortgages Department tal-HSBC bin-numru 016116617 fejn kien sar depozitu fl-ammont ta' €21, 926 li thallsu ukoll fit-23 ta' Frar, 2017 u l-istess loan kien gie saldat;[89]

iii) Loan account mal-mortgages department tal-HSBC bin-numru 018060946 fejn kien sar depozitu fl-ammont ta' €18, 823.53 fit-23 ta' Frar, 2017 u l-istess loan gie saldat.[90]

Dan kollu hu iktar korroborrat meta jirrizulta li effettivament id-dar matrimonjali kienet inbieghet fl-istess gurnata li dawn il-*loans* gew saldati u cioe' t-23 ta' Frar, 2017.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-konvenuta li forsi konvenjentement, l-attur m'ghamilx referenza ghal dawn il-hlasijiet meta kien hemm qbil li parti mill-flus tal-bejgh marru fuq btala Londra, hallset il-*credit cards* tal-attur,

[88] Dok. LA 24
[89] Dok. LA 25
[90] Dok. LA 26

irrifonditlu s-somma ta’ €1000 li kien sellef lit-tifel sabiex hallas depozitu fuq post. Oltre minn hekk il-konvenuta kienet anke hallset depozitu fuq post il-Qajjenza.

Ghaldaqstant, ikun iktar ragjonevoli li l-likwidazzjoni u l-qasma rigward dawn il-krediti jigu kkalkolati fis-segwenti mod:-

i) Mis-somma pretiza mill-attur u cioe’ s-somma ta’ €85, 788 iridu jitnaqqsu s-somma ta’ **€60, 097, 37** (€19, 248 + €21, 296 + €18, 823,53) rapprezentanti hlasijiet li ghamlet il-konvenuta mill-bejgh tal-fond ta’ Birzebbugia, li ghalhekk jirrizultaw li huma fondi parafernali.

**ii)** Il-bilanc li jifdal huwa ta’ €25, 90, 63 li diviza bejn il-partijiet jammonta ghal **€12, 845, 32.**

2. Il-partijiet jaqblu illi wara l-bejgh tal-fond f’Birzebbugia kienu dahlu f’konvenju sabiex jakkwistaw appartament il-Qajjenza, li kien ghadu qed jinbena. Huwa kkonfermat li d-depozitu li thallas jammonta ghal €14, 500, izda fejn hemm verzjonijiet kontrastanti huwa in rigward jekk dan l-ammont thallasx minn fondi parafernali tal-konvenuta, kif hi stess tikkontendi jew li thallsu mill-komunjoni tal-akkwisti kif qed jikkontendi l-attur.

Ir-realta’ hija li dan il-konvenju waqa’ peress li l-post kien baqa’ ma nbeniex u talbu lura d-depozitu, liema depozitu gie rifuz lura fi kwoti ndaqs bejniethom u cioe’ rcevew is-somma ta’ €7250 rispettivament. Il-konvenuta qed tinsisti li dan l-ammont li rcieva l-attur huwa parafernali ghaliha u ghalhekk ghandha kreditu f’dan l-ammont fil-konfront tal-konvenut.

Il-Qorti tifhem li meta gew rifuzi dawn il-flejjes certament il-partijiet kienu ghaddejjin bil-proceduri ta' separazzjonu u ghalhekk gustament jekk gew rifuzi gew rifuzjoni taht l-intendiment li dawn kienu jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, jirrizulta ppruvat mill-assjem tal-provi li kienet effettivament il-konvenuta li kienet harget dawn il-flejjes mill-prezz tal-bejgh ta' Birzebbugia li kienet proprjeta' parafernali u ghalhekk jekk hallset, kif jammetti l-attur stess id-depozitu fuq l-appartament ta' Qajjenza ghandha kreditu parafernali fil-konfront tghha fl-ammont ta' €7250.

**Benefikati**

L-attur qed jinsisti li jithallas sehemhu tal-benefikati li saru fid-dar matrimonjali f'Birzebbugia, fejn jikkontendi li minkejja li kienu ssellfu l-flus mill-bank sabiex jaghmlu x-xogholijiet li kien jehtieg f'din l-istess dar, kien hemm diversi xogholijiet li hallas hu stess u dan minghajr ma rrikorra ghas-self li hadu mill-bank.

Jinsisti li l-pagamenti li ghamel minn butu kienu s-segwenti:-

i) €4192.88 lil Charles Camilleri ghan-nom ta' Medistone u dan ghall-accessorji ohra gewwa d-dar matrimonjali;
ii) €5000 lil Alfred Zahra ghax-xogholijiet ta' hadid/poggaman;
iii) €4500 lil Marco Camilleri ghal diversi xogholijiet fosthom twahhil ta' kamra tal-banju kif ukoll madum gdid;
iv) €1500 lil Earnest Bugeja ghal diversi xogholijiet;
v) €25, 500 lil Emanuel Cutajar ghal diversi xogholijiet.

Ghalhekk, l-attur qed jikkontendi li hu hallas is-somma ta' €40, 692.88 sabiex titkompla u ghandu jigi rifuz nofs dan l-ammont u cioe' s-somma ta' **€20, 346.44.**

Dawn il-haddiema tressqu bhala xhieda, fejn huma lkoll ikkonfermaw li l-ircevuti li esebew fl-atti ta' dina l-kawza kienu hejjuhom, wara li kien ikkomunika maghhom l-attur recentement u kien talbahom dina l-ircevuta. Din per se' diga' trendi l-verzjoni attrici bhala wahda dubbjuza.

Kien hemm minnhom li kkonfermaw li kienu jircievu l-pagament minghand l-attur u gieli b'cekk jew kien ighaddilhom il-flus. Kien hemm minnhom li ma setax jiftakar.

Il-konvenuta tinnega l-verzjoni attrici u tinsisti li ma kienx minnu li dawn il-pagamenti saru direttament minn flus li hallas l-attur, Tinsisti li dawn l-ispejjes kienu thallsu mil-*loan* li kien mahrug appositament sabiex ikopri dawn l-ispejjes. Izzid tghid li s-self ittiehed sabiex fil-maggoranza jsiru xogholijiet strutturali u xogholijiet ta' *finishing*.

Il-konvenuta xehdet li generalment kienet tiehu l-*leave* sabiex thallas lill-haddiema wara li jkunu lestew ix-xogholijiet u hafna drabi kienet thallashom b'cekk, fejn il-fondi kienu jinhargu mil-l*oans* li hadu.

L-attur ma pprezenta ebda prova sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kien hallas dawn l-ispejjes  u ghalhekk hargu mill-komunjoni tal-akkwisti jew *statements* fejn seta' jiddentifika t-transferiment li l-flus hargu mill-kont tal-*loans*. Oltre minn hekk, jirrizulta li kien biss fil-mori tal-proceduri li l-attur

semma' dawn il-benefikati u li qed jippretendi l-hlas taghhom, stante li kienu fondi li nhargu mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, dina l-pretensjoni tal-attur ghandha tigi respinta.

**<u>Hlasijiet tal-Kera</u>**

L-attur qed jippretendi rifuzjoni tal-kera li hallas ghall-fond li kienu krew ix-Xghajra. Jinsisti li dawn harighom minn butu. Logikament dan ma jaghmilx sens, peress li dak iz-zmien kien japplika bejniethom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Inoltre, il-konvneuta sottomettiet illi f'Mejju, 2022 dina l-Qorti kienet ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u ghall-perjodu minn April, 2022, huwa fatt ikkonfermat li l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali. Ghalhekk isegwi li ghal dawk is-sentejn sakemm giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta ma kinitx qed tghix hemm u jekk l-attur kien qed ihallas il-kirja, kien qed ihallas ghalih biss, filwaqt li l-konvenuta kellha toqghod ghand il-habiba taghha, peress ma setghetx tikri post.

Fuq kollox, dina l-Qorti terga' taqbel mal-konvenuta, li l-attur ma setax jitlob €19, 200 hlasijiet ta' kera li hallas meta r-relazzjoni kienet ghaddejja tajjeb u gialadarba kienu gew ikkunsmati, ma setax issa jippretendi li jigi rifuz nofs dan l-ammont.

Minkejja li sid il-post C G jikkonferma li kien jithallas mill-attur u gieli anki mill-konvenuta pero' ma setax jikkonferma minn fejn kienu joriginaw il-flus.

Ghaldaqstant, il-verzjoni tal-konvenuta tirrizulta bhala dik l-iktar kredibbli u veritiera.

**Poloz ta' assikurazzjoni**

Il-konvenut qed jippretendi hlas ta' nofs il-hlasijiet li twettqu fuq is-segwenti poloz ta' assikurazzjoni mal-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.:-

Polza bin-numru 310005300[91]

Polza bin-numru 620001098[92]

Polza bin-numru 620001099[93]

Polza bin-numru 330002262[94]

Polza bin-numru 610004221 (illum itterminata)

Mir-rizultanzi processwali jista' jinghad li dawn il-poloz hargu in forza tal-*home loans* li kienu nhargu. Il-konvenuta qed topponi tali kreditu favur l-attur u dan meta naqas li jindika l-ammont li qed jiprretendi u lanqas ipprezenta rendikont tal-istess. Kien jispetta lilu li jghaddi dina l-informazzjoni lill-Qorti.

Ciononostante, dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoniet tal-konvenuta u dan wara li l-attur identifika liema huma dawn il-poloz . Dwar il-hlasijiet li saru dawn ma jistghux jigu maqsuma u dan stante li saru mill-komunjoni tal-akkwisti. Pero' huwa gust li dawn il-poloz, jinghalqu u dan meta llum ma jservuz iktar ghall-iskop ta' meta inhargu  u l-fondi hemm mgemma ghandhom jinqassmu bejniethom.

[91] Dok. CQ1
[92] Dok. CQ 2
[93] Dok. CQ 3
[94] Dok. CQ 4

**Vetturi**

Bhala vetturi rrizulta Toyota Ractis bin-numru ta' registrazzjoni ICD 064 f'isem il-konvenuta. Skond il-konvenuta u skond il-Motor Vehicle Valuation Report datata 21 ta' Novembru, 2023, il-vettura Toyota fuq imsemmija kellha valur ta' €1400. Il-konvenuta kkonfermat li l-bilanc li kien hemm fuq dina l-vettura kienet hallsitha mal-bejgh tad-dar ta' Birzebbugia u l-attur kien hareg ammont zghir ghaliha.

Il-vettura li rrizultat mill-provi hija Alfa Romeo Saloon fl-14 ta'April, 2020 kienet ghand l-attur u ftit qabel ma bdew dawn il-proceduri kien iddispona minn dina l-vettura u ma kienx ghaddha lill-konvenuta sehemha mill-istess vettura.

Hemm ukoll mutur Peugeot Tweet bin-numru ta' registrazzjoni KCA 732 li kienet inxtrat minn fondi mal-bejgh tad-dar u ghaldaqstant tappartjeni lill-konvenuta.

L-attur jikkonferma l-verzjoni tal-konvenuta u inoltre mhux qed jopponi li li l-istess vetturi jigu assenjati lill-konvenuta, b'dan pero' li ghandu jinghata sehemhu minn dawn l-istess vetturi, Madanakollu, il-Qorti taqbel mal-konvenuta li meta telqet mill-post tax-Xghajra kienet halliet diversi oggetti hemmhekk kif identifikat u elenkat fis-sottomissjonijiet taghha. Kienet anke halliet sett tal-borom li kienet tatha ommha, kif ukoll is-salib tat-tebut ta' missierha. Meta kienet talbet lis-sid tal-fond sabiex tidhol fil-fond, sabet lil-attur kien ha kollox mieghu u qatt m'ghaddha sehem il-konvenuta,

Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha zzomm l-istess vetturi fuq imsemmija minghajr mal-attur ma jinghata kumpens ghal sehemhu,

**<u>Ordni ta' Protezzjoni</u>**

Il-konvenuta qed titlob li tinhargilha ordni ta' protezzjoni fil-konfront taghha mas-sentenza finali taht l-artikolu 39 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba l-persegitwazzjoni kontinwa da parti tal-attur u l-biza li dan qed jinholoq fiha.

Tenut kont tal-fatt li l-konvenuta qed ikollha tinkariga s-servizzi ta' sigurta' privata sabiex tattendi attivitajiet fejn taf li ser ikun hemm l-attur prezenti, Il-fatt li dejjem tigi akkumpanjata mill-haddiema socjali taghha in partikolari Martina Azzopardi Cauchi, meta tattendi l-Qorti u fil-fehma ta' dina tal-ahhar skond ir-reazzjoni tal-konvenuta, waqt is-seduti ikun hemm intimidazzjoni u anke botti da parti tal-attur li jikkrea atmosfera skomda ghaliha, ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti thoss li jkun gust u ghaqli li tinhareg dina l-istess ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 39 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte, in kwantu tippronunza s-separazzjoni taghhom, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur li rrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi u ngurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u filwaqt li tikkonferma x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni kif deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-akkwisti."

3. Tilqa' t-tielet talba fil-konfront ta' kreditit dovuti lill-attur skond kif gie deciz iktar 'l fuq fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

4. Tichad Ir-raba' talba attrici stante li l-konvenuta ma jirrizultax li ghandha xi oggetti jew flejjes li huma parafernali ghall-attur.

5. Tichad il-hames talba attrici u dan minhabba li l-attur iddekada mid-dritt tieghu ghall-manteniment minghand il-konvenuta minhabba l-adulterju kommess.

6. Tichad is-sitt talba attrici u tordna li l-attur ikun responsabbli ghall-ispejjes kollha tal-kaz minhabba li unikament tort tieghu li sehhet is-separazzjoni.

**<u>Kontro-Talba</u>**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi M ghar-ragunijiet u tortijiet imputabbli lill-attur rikonvenut.

2. Tilqa' t-tieni kontro-talba u tiddikjara li l-attur rikonvenut iddekada minn kull jedd ghall-manteniment ghalih minghand il-konvenuta skond il-ligi.

3. Tichad f'dan l-istadju t-tielet kontro-talba, stante li l-konvenuta tahdem *full-time,* diment li ma jkunx hemm tibdil fic-cirkostanzi ta' impieg taghha illi jirrikjedu rimedju quddiem dina l-Qorti.

4. Tichad ir-raba' kontro-talba sakemm mhux applikabbli.

5. Tilqa' l-hames kontro-talba u tiddikjara li l-attur rikonvenut iddekada minn kull dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand il-konvenuta.

6. Tilqa' s-sitt kontro-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u tassenjaha skond kif gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

7. Tilqa' s-seba' kontro-talba u tapplika kontra l-attur rikonvenut interament id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili.

8. Tilqa' t-tmien kontro-talba sa fejn il-konvenuta giet ddikjarata kreditrici tal-attur fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwsiti."

9. Tilqa' d-disa' kontro-talba sa fejn gie deciz minn dina l-Qorti fl-intestatura "Komunjoni tal-akkwisti."

10. Tilqa' l-ghaxar kontro-talba u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni taht l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali a favur il-konvenuta u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Tilqa' l-hdax-il kontro-talba u tordna u tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "A."

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony. J. Vella**

**Cettina Gauci - DEP REG**